PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2011/2096(INI)**

21.9.2011

# EMENDI
# 1 - 413

**Abbozz ta' rapport**
**Mathieu Grosch**
(PE469.845v01-00)

dwar pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti
(2011/2096(INI))



Magħquda fid-diversità

AM_Com_NonLegReport

**Emenda 1**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Ċitazzjoni 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra ***l-Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku" (COM(2009)0490), | – wara li kkunsidra ***l-komunikazzjonijiet*** tal-Kummissjoni bit-titolu ***"in-Netwerk taċ-Ċittadini" COM(1995)0601) u*** 'Nagħmlu t-trasport aktar ekoloġiku" (COM(2009)0490), |

Or. en

**Emenda 2**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Ċitazzjoni 10 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn prezzijiet ġusti u effikaċi fit-trasport" tal-1995 u billi l-Kummissjoni għandha terġa' tippubblika l-komunikazzjoni tagħha "it-trasport u s-CO2" COM(98)0204,*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Nuno Teixeira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-politika Ewropea tat-trasport | A. billi l-politika Ewropea tat-trasport |

| | |
|---|---|
| tinfluwenza direttament liċ-ċittadini tal-UE f'diversi sitwazzjonijiet tal-ħajja u żona unika Ewropea tat-trasport tkun ta' użu għalihom; | tinfluwenza direttament liċ-ċittadini tal-UE f'diversi sitwazzjonijiet tal-ħajja u żona unika Ewropea tat-trasport tkun ta' użu għalihom ***u għall-qagħda tal-UE f'termini tad-dimensjoni esterna tagħha***; |

Or. pt

**Emenda 4**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-politika Ewropea tat-trasport tinfluwenza direttament liċ-ċittadini tal-UE f'diversi sitwazzjonijiet tal-ħajja u żona unika Ewropea tat-trasport tkun ta' użu għalihom, | A. billi l-politika Ewropea tat-trasport tinfluwenza direttament liċ-ċittadini tal-UE f'diversi sitwazzjonijiet tal-ħajja u żona unika Ewropea tat-trasport tkun ta' użu għalihom ***b'mod konsiderevoli***, |

Or. pl

**Emenda 5**
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-politika Ewropea tat-trasport tinfluwenza direttament liċ-ċittadini tal-UE f'diversi sitwazzjonijiet tal-ħajja u żona unika Ewropea tat-trasport tkun ta' użu għalihom; | A. billi l-politika Ewropea tat-trasport tinfluwenza direttament liċ-ċittadini tal-UE f'diversi sitwazzjonijiet tal-ħajja u żona unika Ewropea tat-trasport ***mingħajr distorsjonijiet għall-kompetizzjoni u d-dumping soċjali*** tkun ta' użu għalihom; |

Or. it

**Emenda 6**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-politika Ewropea futura dwar it-trasport u l-mobilità għandha tintegra l-miri 20-20-20 sal-2020 bħala bażi primarja għat-teħid tad-deċiżjonijiet f'dan il-qasam, partikolarment minħabba li s-settur tat-trasport se jkun fost dawk li jintlaqtu l-aktar mill-kundizzjonijiet tat-temp estremi, li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u minn sorsi tal-fossili u tal-enerġija nukleari mhux sostenibbli u li l-prezz tagħhom qiegħed dejjem jizdied,*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi s-settur tat-trasport għandu importanza kbira għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, ir-reġjuni u l-bliet tagħha, peress li huwa jipproduċi madwar 5% tal-prodott gross domestiku, jipprovdi madwar 10 miljun post tax-xogħol u b'hekk huwa determinanti għall-Ewropa bħala lokazzjoni industrijali u ekonomika; | B. billi s-settur tat-trasport għandu importanza kbira għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, ir-reġjuni u l-bliet tagħha, peress li huwa jipproduċi madwar 5% tal-prodott gross domestiku, jipprovdi madwar 10 miljun post tax-xogħol***, fl-2008, is-servizzi tal-loġistika ġġeneraw dħul annwali ta' € 1 triljun fl-Ewropa*** u b'hekk huwa determinanti għall-Ewropa bħala lokazzjoni industrijali u ekonomika; |

Or. en

**Emenda 8**
**Giommaria Uggias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi s-settur tat-trasport għandu importanza kbira għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, ir-reġjuni u l-bliet tagħha, peress li huwa jipproduċi madwar 5% tal-prodott gross domestiku, jipprovdi madwar 10 miljun post tax-xogħol u b'hekk huwa determinanti għall-Ewropa bħala lokazzjoni industrijali u ekonomika; | B. billi s-settur tat-trasport għandu importanza kbira għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, ir-reġjuni ***(inklużi r-reġjuni gżira, ir-reġjuni iżolati u ultraperiferali)*** u l-bliet tagħha, peress li huwa jipproduċi madwar 5% tal-prodott gross domestiku, jipprovdi madwar 10 miljun post tax-xogħol u b'hekk huwa determinanti għall-Ewropa bħala lokazzjoni industrijali u ekonomika; |

Or. it

**Emenda 9**
**Giommaria Uggias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-politika tat-trasport għandha rwol fil-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'xi żoni, bħar-reġjuni gżira, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom;*** |

Or. it

**Emenda 10**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
C. billi t-trasport jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-Istrateġija Ewropa 2020, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-impjiegi, ir-riċerka, l-enerġija, l-innovazzjoni u l-ambjent, fejn fil-qafas ta' din l-istrateġija għandhom jissaħħu s-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali b'mod aktar effikaċi; | C. billi t-trasport jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-Istrateġija Ewropa 2020, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-impjiegi, ***it-tkabbir ekonomiku,*** ir-riċerka, l-enerġija, l-innovazzjoni u l-ambjent, fejn fil-qafas ta' din l-istrateġija għandhom jissaħħu s-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali b'mod aktar effikaċi;

Or. en

**Emenda 11**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
C. billi t-trasport jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-Istrateġija Ewropa 2020, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-impjiegi, ir-riċerka, l-enerġija, l-innovazzjoni u l-ambjent, fejn fil-qafas ta' din l-istrateġija għandhom jissaħħu s-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali b'mod aktar effikaċi; | C. billi t-trasport jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-Istrateġija Ewropa 2020, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-impjiegi, ir-riċerka, l-enerġija, l-innovazzjoni u l-ambjent, fejn fil-qafas ta' din l-istrateġija għandhom jissaħħu s-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali b'mod aktar effikaċi; ***l-attivitajiet konkreti għandhom ikunu allinjati u kkoordinati;***

Or. de

**Emenda 12**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
C. billi t-trasport jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-Istrateġija Ewropa 2020, | C. billi t-trasport jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-Istrateġija Ewropa 2020,

| | |
|---|---|
| speċjalment f'dak li jirrigwarda l-impjiegi, ir-riċerka, l-enerġija, l-innovazzjoni u l-ambjent, fejn fil-qafas ta' din l-istrateġija għandhom jissaħħu s-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali b'mod aktar effikaċi; | speċjalment f'dak li jirrigwarda l-impjiegi, l-***immigrazzjoni,*** ir-riċerka, l-enerġija, l-innovazzjoni u l-ambjent, fejn fil-qafas ta' din l-istrateġija għandhom jissaħħu s-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali b'mod aktar effikaċi; |

Or. es

**Emenda 13**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi t-titjib fl-aċċessibilità tat-territorji huwa prijorità tal-politika Ewropea tat-trasport, imsaħħaħ bit-Trattat ta' Lisbona, u fil-kunsiderazzjoni tal-prinċipju meħtieġ tal-koeżjoni territorjali*** |

Or. es

**Emenda 14**
**Carlo Fidanza**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi t-titjib fl-aċċessibilità tat-territorji huwa prijorità tal-politika Ewropea tat-trasport, imsaħħaħ bit-Trattat ta' Lisbona, u fil-kunsiderazzjoni tal-prinċipju meħtieġ tal-koeżjoni territorjali;*** |

Or. it

**Emenda 15**
**Dominique Vlasto, Michel Dantin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi t-titjib fl-aċċessibilità tat-territorji hija prijorità tal-politika Ewropea tat-trasport, li kompla jissaħħaħ permezz tat-Trattat ta' Lisbona u billi huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat il-prinċipju tal-koeżjoni territorjali;*** |

Or. fr

**Emenda 16**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi ċerti għanijiet tal-aħħar White Paper ma ġewx *sodisfatti* u b'hekk l-għanijiet stabbiliti hawnhekk għandhom jiġu rieżaminati ***u verifikati*** b'mod regolari; | D. billi ċerti għanijiet tal-aħħar White Paper ma ġewx *sodisfati* u b'hekk l-għanijiet stabbiliti hawnhekk għandhom jiġu rieżaminati b'mod regolari ***fi sfond tar-riżultati miksuba u appoġġjati mill-politiki mfassla, implimentati u, jekk ikun hemm bżonn, reveduti b'tali mod li jinkisbu l-objettivi maqbula; għandu jiġi enfasizzat li jeħtieġ li dawn jiġu implimentati b'mod urġenti***; |

Or. en

**Emenda 17**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-modi tat-trasport mhumiex f'kompetizzjoni bejniethom, iżda għandhom jikkumplimentaw lil xulxin ***fil-qafas tal-komodalità effikaċi***, skont il-prinċipju bażiku ta' ***distribuzzjoni*** effikaċi ***modali ta' mezzi*** tat-trasport; | E. billi l-modi tat-trasport mhumiex ***meqjusa biss bħala*** f'kompetizzjoni bejniethom, iżda għandhom jikkumplimentaw ***ukoll*** lil xulxin ***biex jiġġeneraw diviżjoni modali effiċjenti u li żżid il-benesseri u billi l-awtoritajiet pubbliċi għandhom għalhekk jiskoraġġixxu t-trasport żejjed u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistimulaw bidla fit-traffiku għal aktar mezzi ta' trasport*** skont il-prinċipju bażiku ta' ***allokazzjoni*** effikaċi ta' ***operazzjonijiet tat-trasport fost il-mezzi*** tat-trasport; |

Or. en

**Emenda 18**
**Zigmantas Balčytis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi huwa essenzjali li jiġi żgurat l-iżvilupp b'suċċess tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), li n-netwerks tat-trasport tar-reġjuni kollha tal-UE jkunu mqabbda ma' xulxin b'mod effikaċi u li jiġu eliminati d-diskrepanzi bejn il-livelli tal-iżvilupp infrastrutturali fl-Istati Membri tal-UE,*** |

Or. lt

**Emenda 19**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E a (ġdida)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-miri ta' trasferiment modali ma jistgħux jintlaħqu bil-liġi, iżda biss permezz ta' infrastruttura li tiffunzjona, vantaġġi essenzjali u effikaċja u inċentivi;*** |

Or. de

**Emenda 20**
**Saïd El Khadraoui**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E a (ġdida)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Ea. Jirrikonoxxi li f'żoni urbani hemm bżonn ta' strateġija għall-bidla modali għat-trasport pubbliku, iċ-ċikliżmu u l-mixi sabiex tiġi trattata l-konġestjoni u jitnaqqsu l-livelli tat-tniġġis;*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| F. billi ***s-settur*** tat-trasport ***għandu*** bosta *'effetti transkonfinali*, li biċċa minnhom jistgħu jitneħħew faċilment u b'hekk għandhom jitneħħew kollha; | F. billi ***fis-settur*** tat-trasport ***għad hemm*** bosta ***ostakli storiċi u ġeografiċi (il-wisa' differenti tat-toroq jew l-ostakli impenetrabbli tar-ringieli tal-muntanji bħall-Alpi, il-Pirinej jew il-Karpazji) li jipproduċu*** *'effetti transkonfinali'*, li biċċa minnhom jistgħu jitneħħew faċilment u b'hekk għandhom jitneħħew kollha; |

Or. es

**Emenda 22**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi s-settur tat-trasport ***għandu*** bosta *'effetti transkonfinali*, li biċċa minnhom jistgħu jitneħħew faċilment u b'hekk għandhom jitneħħew kollha; | F. billi s-settur tat-trasport ***u l-infrastrutturi transkonfinali għandhom*** bosta *'effetti transkonfinali'*, li biċċa minnhom jistgħu jitneħħew faċilment u b'hekk għandhom jitneħħew kollha; |

Or. es

**Emenda 23**
**Hubert Pirker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi l-żvilupp tal-politika Ewropea tat-trasport jirrikjedi miżuri konkreti ta' implimentazzjoni, u għalhekk fil-futur irid ukoll jiffoka ħafna fuq l-implimentazzjoni u l-kontroll koerenti, fid-dawl ta' Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea[1];*** |

***[1] KOM(2010) 543 finali***

Or. de

**Emenda 24**
**Zigmantas Balčytis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Fa. billi huwa essenzjali li jiġu żgurati konnessjonijiet effiċjenti bejn l-Istati Membri tal-UE u l-fruntieri esterni tal-Ewropa,*** |

Or. lt

**Emenda 25**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F a (ġdida)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Fa. billi d-differenzi bejn ir-reġjuni fl-Ewropa (sitwazzjoni periferali, infrastruttura, pajsaġġ, densità tal-popolazzjoni, sitwazzjoni soċjoekonomika) joħolqu problemi differenti ħafna u jirrikjedu flessibilità fir-rigward tas-soluzzjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 26**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| G. billi l-ftuħ tas-swieq tat-trasport għandu ***jimxi id f'id mal-kwalità tas-servizz, mat-taħriġ u mas-sitwazzjoni*** tal-impjiegi; | G. billi l-ftuħ tas-swieq tat-trasport għandu ***jkun soġġett għall-iżvilupp tas-salvagwardji regolatorji kollha meħtieġa biex jiżguraw li dan se jwassal għal servizz ta' kwalità ogħla**, **taħriġ u sitwazzjoni u kundizzjonijiet aħjar*** tal-impjiegi; |

Or. en

**Emenda 27**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi l-ftuħ tas-swieq tat-trasport għandu jimxi id f'id mal-kwalità tas-servizz, mat-taħriġ u mas-sitwazzjoni tal-impjiegi; | G. billi l-ftuħ tas-swieq tat-trasport għandu jimxi id f'id mal-kwalità tas-servizz, mat-taħriġ u mas-sitwazzjoni tal-impjiegi***, u għal proposti futuri dwar il-ftuħ tas-suq għandha tiġi kkunsidrata l-ħtieġa ta' tqassim ugwali tar-responsabilità u tar-riskji fost dawk kollha involuti fil-katina tal-valur***; |

Or. de

**Emenda 28**
**Georgios Koumoutsakos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi l-UE għandha *għandha* tistabbilixxi standards koerenti għall-mezzi kollha tat-trasport, speċjalment dawk relatati mas-sikurezza, it-teknoloġija, il-protezzjoni ambjentali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***sabiex tinsisti dwarhom anki fil-livell*** globali; | H. billi l-UE għandha tistabbilixxi standards koerenti għall-mezzi kollha tat-trasport, speċjalment dawk relatati mas-sikurezza, it-teknoloġija, il-protezzjoni ambjentali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***filwaqt jittieħed inkonsiderazzjoni li fir-rigward tas-setturi fejn japplikaw regoli de facto*** globali***, ir-regolazzjoni effikaċi tista' tinkiseb permezz tal-fora internazzjonali rilevanti***; |

Or. en

**Emenda 29**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi l-UE għandha *għandha* tistabbilixxi standards koerenti għall-mezzi kollha tat-trasport, speċjalment dawk relatati mas-sikurezza, it-teknoloġija, il-protezzjoni ambjentali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, sabiex tinsisti dwarhom anki fil-livell globali, | H. billi l-UE għandha tistabbilixxi standards koerenti għall-mezzi kollha tat-trasport, speċjalment dawk relatati mas-sikurezza, it-teknoloġija, il-protezzjoni ambjentali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, sabiex tinsisti dwarhom anki fil-livell globali, ***filwaqt li fl-istess ħin iżżomm armonizzazzjoni sħiħa fis-suq,*** |

Or. pl

**Emenda 30**
**Dominique Vlasto, Michel Dantin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi l-UE għandha *għandha* tistabbilixxi standards koerenti għall-mezzi kollha tat-trasport, speċjalment dawk relatati mas-sikurezza, it-teknoloġija, il-protezzjoni ambjentali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, sabiex tinsisti dwarhom anki fil-livell globali; | H. billi l-UE għandha tistabbilixxi standards koerenti għall-mezzi kollha tat-trasport, speċjalment dawk relatati mas-sikurezza, it-teknoloġija, il-protezzjoni ambjentali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***ibbażati fuq standards internazzjonali eventwali, u*** sabiex tinsisti dwarhom anki fil-livell globali***, fin-nuqqas ta' regolazzjoni globali***; |

Or. fr

**Emenda 31**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi għad m'hemmx kompetizzjoni effikaċi fis-suq intern, jeħtieġ li tinħoloq Żona Unika Ewropea tat-Trasport bis-saħħa tal-eliminazzjoni tal-ostakli residwi kollha bejn il-mezzi u s-sistemi nazzjonali, biex b'hekk jitħaffef il-proċess tal-integrazzjoni u jiġi ffaċilitat id-deher ta' operaturi multinazzjonali u multimodali. Sabiex jiġi evitat taqlib, iridu jkunu parti integrali minn din l-istrateġija konverġenza u infurzar ta' regoli soċjali, ambjentali u ta' sigurtà u ta' sikurezza, standards minimi ta-servizz u drittijiet tal-utenti filwaqt li tingħata attenzjoni lill-persuni b'diżabilità.*** |

Or. es

**Emenda 32**
**Bendt Bendtsen, Anne E. Jensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. Jenfasizza l-esperjenzi pożittivi li diversi Stati Membri kellhom fl-użu tas-Sistema Modulari Ewropea, li hija soluzzjoni tat-trasport bit-triq sostenibbli li tikkontribwixxi sabiex ikun hemm livell ogħla ta' effiċjenza enerġetika fis-settur tat-trasport bit-triq;*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Krišjānis Kariņš**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. jieħu inkonsiderazzjoni li l-għan tal-UE kien u għadu li tiġi inkoraġġita bidla modali għal aktar trasport tal-merkazija bil-baħar u inqas trasport tal-merkanzija bit-triq;*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi t-tmexxija attwali tal-UE fl-iżvilupp tas-sistemi, tal-infrastrutturi u tad-diversi setturi industrijali oħra relatati mal-mobilità, it-trasport u l-loġistika, u t-tmexxija li dejjem qed tiżdied f'oqsma emerġenti oħra permezz ta' investimenti sostanzjali u impenn determinat lejn l-iżvilupp tat-trasport u l-mobilità, iqis urġenti li tinżamm il-kapaċità kompetittiva u innovattiva tal-UE f'aspetti fundamentali li jistgħu jkunu f'riskju, bħat-tnaqqis fl-impatt ekoloġiku, is-sikurezza, id-drittijiet tal-passaġġieri, il-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol, eċċ. permezz tal-investimenti meħtieġa u l-politiki tal-futur,*** |

Or. es

**Emenda 35**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010***;*** | – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010 ***u sabiex turi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li mistenni li jkollha kull proposta konkreta f'termini ta' tnaqqis tal-inċidenti*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| – li sal-2013 il-Kummissjoni, ***abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020,*** għandha ***tagħmel*** proposti ***speċifiċi***, ***sabiex tnaqqas in-numru*** ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq ***b'50%*** m***eta mqabbla mal-2010***; | – li sal-2013 il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta*** proposti ***għat-tnaqqis tan-numru*** ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq***; l-azzjoni f'dan il-qasam għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà u fuq il-koperazzjoni tal-Istati Membri permezz tal-iskambju tal-aħjar prattika;*** |

Or. en

**Emenda 37**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar- | – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar- |

| | |
|---|---|
| rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010; | rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex ***sal-2020*** tnaqqas in-numru ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010***, u għal dan il-perjodu ta' żmien jitlob b'mod partikolari li jitnaqqas l-għadd ta' dawn li ġejjin:***<br>***- tat-tfal sal-età ta' 14-il sena li jmutu fit-toroq b'60 % u***<br>***- tan-nies fit-triq u ċ-ċiklisti mejtin b' 50 % kif ukoll***<br>***- tal-persuni li jkorru b'tali mod li ħajjithom tinsab fil-periklu b'40 %, abbażi ta' definizzjoni uniformi li għandha tiġi żviluppata mingħajr dewmien għall-UE kollha;*** |

Or. de

**Emenda 38**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet ***u ta' persuni li jkorru b'mod serju*** fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010, | – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010, ***billi tingħata attenzjoni partikolari għall-utenti vulnerabbli bħall-pedonali, ċiklisti u motoċiklisti, eċċ.); barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta, f'ħin xieraq, għall-armonizzazzjoni tad-definizzjoni ta' persuni li jkorru b'mod serju kif ukoll strateġija biex tingħata għajnuna f'każ ta' emerġenza, bl-għan li n-numru ta' persuni li jkorru b'mod serju jitnaqqas bin-nofs sal-2020.*** |

Or. es

**Emenda 39**
**Carlo Fidanza**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010; | – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010***, filwaqt li tipprovdi għal azzjonijiet speċifiċi, flimkien mas-sistemi tal-ITS, li jikkonċernaw il-manutenzjoni tan-netwerk stradali, l-istil tas-sewqan u l-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq***; |

Or. it

**Emenda 40**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010; | – li sal-2013 il-Kummissjoni, abbażi tar-rapport dwar is-sikurezza Ewropea fit-toroq 2011-2020, għandha tagħmel proposti speċifiċi, sabiex tnaqqas in-numru ta' mwiet u ta' persuni li jkorru b'mod serju fit-toroq b'50% meta mqabbla mal-2010***, b'mod partikolari billi tiġi żgurata l-armonizzazzjoni koerenti tas-sinjali tat-traffiku u tar-regoli tat-toroq sal-2013 fl-UE, inklużi s-sanzjonijiet transkonfinali, il-livelli tal-alkoħol fid-demm, iżda wkoll*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-veloċità fiż-żoni urbani***; |

Or. fr

**Emenda 41**
**Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- billi l-kwalità tal-infrastruttura tat-triq, li għandha impatt dirett fuq is-sikurezza tat-triq, tvarja ħafna fl-UE kollha u billi aktar minn 70% tal-imwiet mill-inċidenti tat-triq fl-Istati Membri jseħħu fit-toroq urbani u rurali, jenfasizza li għandu jiġi promoss aktar il-finanzjament effikaċi mill-Fond ta' Koeżjoni għal dan it-tip ta' infrastruttura f'konformità mal-prinċipji tal-koeżjoni soċjali u territorjali u skont il-mira tat-trasport sostenibbli u sikur;*** |

Or. en

**Emenda 42**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2014 ***għandha tiġi sottomessa*** proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita ***l-ħlasijiet doppji*** u distorsjonijiet tas-suq, sabiex ***jiżdiedu*** l-investimenti ***fil-mobilità***, fis-sikurezza ***u*** fir-riċerka; | – li sal-2014 ***il-Kummissjoni għandha tissottometti*** proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita distorsjonijiet tas-suq, sabiex ***tittrasferixxi*** l-investimenti fis-sikurezza, fir-riċerka ***u fil-protezzjoni tal-klima fil-mobilità sostenibbli***; ***li din il-proposta għandha telimina l-approċċ inġust li jiġu stabbiliti maxima għall-ġbir tat-taxxa fuq l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***infrastruttura tat-triq filwaqt li tinżamm minima obbligatorja fir-rigward tal-impożizzjoni ta' ħlas għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja;*** |

Or. en

**Emenda 43**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq***, sabiex jiżdiedu l-investimenti*** fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka; | – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq ***u filwaqt li d-dħul għandu jintuża għal investimenti*** fil-mobilità ***sostenibbli***, fis-sikurezza u fir-riċerka; |

Or. de

**Emenda 44**
**Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka; | – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka; ***f'dan ir-rigward, l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-trasport għandhom jirrigwardaw biss it-trasport innifsu;*** |

Or. en

**Emenda 45**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka; | – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka; ***tali proposta, madankollu, għandha tieħu inkonsiderazzjoni l-ispeċifiċità ta' kull mezz ta' trasport u għandha tirrikonoxxi l-forom eżistenti ta' mitigazzjonijiet (pereżempju l-ambjent) u ta' finanzjament (pereżempju l-infrastruttura)*** |

Or. en

**Emenda 46**
**Elisabeth Jeggle**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka; | – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka***; f'dan il-kuntest għandu jiġi eżaminat, mingħajr prekonċetti, liema tip ta' spejjeż għandhom jiġu inkorsi mill-mezzi ta' trasport u kemm dawn diġà*** |

| | |
|---|---|
| | ***qegħdin jiġu inkorsi minnhom (eżempju, l-ispejjeż tal-konġestjoni fit-toroq)***; |

Or. de

**Emenda 47**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka***;*** | – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka***, biex minnhom jibbenefikaw mezzi tat-trasport sostenibbli;*** |

Or. es

**Emenda 48**
**Carlo Fidanza**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka; | – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka***, għall-benefiċċju ta' mezzi tat-trasport aktar sostenibbli***; |

Or. it

**Emenda 49**
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka; | – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza u fir-riċerka; ***l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni għandha tirrigwarda biss it-trasport innifsu u mhux l-attivitajiet tat-trasport transkonfinali jew l-attivitajiet tal-istallazzjonijiet industrijali u loġistiċi li jitwettqu fil-pjattaformi, il-portijiet jew terminals tat-trasport transkonfinali, billi dan jista' jwassal għall-ħlas doppju u jista' jpoġġi fi żvantaġġ l-operazzjonijiet tat-trasport intermodali.*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, ***sabiex jiżdiedu l-investimenti fil-mobilità, fis-sikurezza*** u ***fir-riċerka***; | – li sal-2014 għandha tiġi sottomessa proposta li tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-tipi kollha tat-trasport, filwaqt li tevita l-ħlasijiet doppji u distorsjonijiet tas-suq, ***u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet ta' kull mezz tat-trasport previst; jenfasizza li l-politika tal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-trasport fl-Ewropa għandha tagħti riżultati aħjar f'termini ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 meta din issir*** |

***obbligatorja fl-Istati Membri kollha tal-UE,*** u ***meta tiżgura li jkollha sehem adegwat fl-allokazzjoni tal-imposti fil-politiki tal-iżvilupp sostenibbli tat-trasport***;

Or. fr

**Emenda 51**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- li s-settur loġistiku huwa rifless biżżejjed fil-White Paper u l-bżonn ta' rekwiżiti tal-industrija loġistika jittieħed inkonsiderazzjoni meta tkun qed tiġi definita l-politika tat-trasport;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Elisabeth Jeggle**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- li l-finanzjament tal-infrastruttura tat-trasport isir aktar sostenibbli. F'dan ir-rigward, l-għan għandu jkun il-limitazzjoni obbligatorja tal-iskop tal-flejjes kollha li jiġu ġġenerati direttament mit-toroq għal investimenti fi proġetti tat-toroq;*** |

Or. de

**Emenda 53**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- li għandu jiġi żgurat, fil-proposti dwar l-internalizzazzjoni tal-kost estern (it-tniġġis tal-arja u l-istorbju), li d-dħul jiġi investit fl-istess mezzi tat-trasport li ġġenerawh, biex jiġu promossi r-riċerka u t-teknoloġiji l-ġodda u mhux sempliċement ikun hemm trasferiment tal-volumi tat-traffiku minn mod tat-trasport għal ieħor;*** |

Or. es

**Emenda 54**
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1) Jiddispjaċih għall-fatt li, minkejja li l-Kummissjoni Ewropea tkompli tiddeskrivi impriżi żgħar u medji bħala s-sinsla tal-ekonomija Ewropea f'kull opportunità, dawn ma jissemmewx anqas darba fil-White Paper, minkejja l-importanza tagħhom għas-settur tat-trasport;*** |

Or. it

**Emenda 55**
**Olga Sehnalová, Saïd El Khadraoui**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***1a. Il-Kummissjoni għandha, mill-aktar fis possibbli, tipprovdi analiżi koerenti u kwantitattiva tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-livell tal-infrastruttura, id-densità tan-netwerk tat-trasport u l-kwalità tas-servizzi tat-trasport fl-Istati Membri kollha tal-UE, liema analiżi se tipprovdi ħarsa ġenerali tal-qagħda attwali fl-UE27, fejn l-eżiti ewlenin ta' din l-analiżi huma mehmuża mal-White Paper;***

Or. cs

**Emenda 56**
**Saïd El Khadraoui**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***1a. Jitlob li, sal-2013, il-Kummissjoni tressaq proposta dwar il-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol, biex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' suq tat-trasport Ewropew li jkun integrat ġenwinament u li sadanittant jiġi stimulat il-fatt li s-settur jattira lill-impjegati; dawn il-proposti għandhom ikunu bbażati fuq analiżi fid-dettall tas-sitwazzjoni attwali tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol fil-mezzi kollha tat-trasport, fuq il-livell tal-armonizzazzjni bejn il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri u fuq il-valutazzjoni tal-impatt tal-iżvilupp tas-suq tax-xogħol tat-trasport fl-2020;***

Or. en

**Emenda 57**
**Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Il-Kummissjoni għandha, sal-2013, tipprovdi analiżi tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-impjiegi ġġenerati fis-settur tat-trasport u studju ta' impatt dwar l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol, inkluża l-kwalità tal-impjiegi, fir-rigward tal-bidliet ippjanati li għandhom isiru mhux iktar tard mill-2020, ladarba suq tax-xogħol sostenibbli u preparazzjoni adegwata fil-qasam tat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid huma aspetti importanti għat-trasport sostenibbli;*** |

Or. cs

**Emenda 58**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Huwa favur l-għanijiet li ġew stabbiliti fil-'White Paper' sal-2050, iżda jikkunsidra li huma meħtieġa dispożizzjonijiet aktar speċifiċi għall-perjodu ta' żmien sal-2020 rigward il-fondi – fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri rispettivi – u tal-isfidi ġenerali li jiffaċċja t-trasport fil-qasam tal-enerġija u f'dak ambjentali, u b'hekk jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal dispożizzjonijiet legali sabiex tilħaq l-għanijiet li ġejjin sal-2020, filwaqt li l-figuri tal-2010 jservu bħala bażi ta' referenza: | 2. Huwa favur l-għanijiet li ġew stabbiliti fil-'White Paper' sal-2050, iżda jikkunsidra li huma meħtieġa dispożizzjonijiet aktar speċifiċi għall-perjodu ta' żmien sal-2020 rigward il-fondi – fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri rispettivi – u tal-isfidi ġenerali li jiffaċċja t-trasport fil-qasam tal-enerġija u f'dak ambjentali, u b'hekk jitlob lill-Kummissjoni ***taħdem mal-imsieħba internazzjonali*** biex tfassal dispożizzjonijiet legali ***permezz ta' ftehimiet globali*** sabiex tilħaq l-għanijiet li ġejjin sal-2020, filwaqt li l-figuri tal-2010 jservu bħala bażi ta' referenza: |

Or. en

**Emenda 59**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Huwa favur ***l-għanijiet*** li ġew stabbiliti fil-'White Paper' sal-2050, iżda jikkunsidra li huma meħtieġa dispożizzjonijiet aktar speċifiċi għall-perjodu ta' żmien sal-2020 rigward il-fondi – fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri rispettivi – u tal-isfidi ġenerali li jiffaċċja t-trasport fil-qasam tal-enerġija u f'dak ambjentali, u b'hekk jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal dispożizzjonijiet legali sabiex tilħaq l-għanijiet li ġejjin sal-2020, filwaqt li l-figuri ***tal-2010*** jservu bħala bażi ta' referenza: | 2. Huwa favur ***għaxar għanijiet*** li ġew stabbiliti fil-'White Paper' sal-2050 ***kif ukoll l-għan globali għall-emissjonijiet mit-trasport***, iżda jikkunsidra li huma meħtieġa dispożizzjonijiet aktar speċifiċi għall-perjodu ta' żmien sal-2020 rigward il-fondi – fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri rispettivi – u tal-isfidi ġenerali li jiffaċċja t-trasport fil-qasam tal-enerġija u f'dak ambjentali, u b'hekk jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal dispożizzjonijiet legali sabiex tilħaq ***miri intermedjarji għal kull wieħed mill-għaxar għanijiet tal-White Paper u sabiex tilħaq*** l-għanijiet ***addizzjonali*** li ġejjin sal-2020, filwaqt li l-figuri ***tal-1990*** jservu bħala bażi ta' referenza: |

Or. en

**Emenda 60**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Huwa favur l-għanijiet li ġew stabbiliti fil-'White Paper' sal-2050, iżda jikkunsidra li huma meħtieġa dispożizzjonijiet aktar speċifiċi għall-perjodu ta' żmien sal-2020 rigward il-fondi – fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati Membri rispettivi – u | 2. Huwa favur l-għanijiet li ġew stabbiliti fil-'White Paper' sal-2050, iżda jikkunsidra li huma meħtieġa dispożizzjonijiet aktar speċifiċi għall-perjodu ta' żmien sal-2020***, l-2030 u l-2040,*** rigward il-fondi – fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Istati |

| | |
|---|---|
| tal-isfidi ġenerali li jiffaċċja t-trasport fil-qasam tal-enerġija u f'dak ambjentali, ***u b'hekk*** jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal dispożizzjonijiet legali sabiex tilħaq l-għanijiet li ġejjin sal-2020, filwaqt li l-figuri ***tal-2010*** jservu bħala bażi ta' referenza: | Membri rispettivi – u tal-isfidi ġenerali li jiffaċċja t-trasport fil-qasam tal-enerġija u f'dak ambjentali, ***u b'hekk*** jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal dispożizzjonijiet legali sabiex tilħaq l-għanijiet li ġejjin sal-2020, filwaqt li l-figuri ***tal-2005*** jservu bħala bażi ta' referenza ***(f'konformità mal-objettivi tat-taqsima leġiżlattiva tal-pakkett tal-enerġija u l-klima, adottat fit-23 ta' Jannar 2008)***: |

Or. fr

**Emenda 61**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ fit-trasport ***fit-toroq b'20%,*** | – tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ ***u tal-gassijiet serra*** fit-trasport ***b'30%***, |

Or. en

**Emenda 62**
**Antonio Cancian**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – tnaqqis tal-istorbju u tal-konsum tal-enerġija ta' ***trasport fuq il-binarji*** b'20%***,*** | – tnaqqis tal-istorbju u tal-konsum tal-enerġija ta' ***unità ttrasportata bil-ferrovija*** b'20% |

Or. en

**Emenda 63**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- tnaqqis tal-istorbju fit-trasport bil-ferrovija, f'dak bl-ajru u bit-triq ta' 5db filgħodu (d), 10 dB filgħaxija (e) u 15 dB billejl, li jaffettwa lil żoni b'densità ta' popolazzjoni għolja;*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ fit-trasport bl-ajru fl-ispazju tal-arja Ewropew kollu bi 30%,*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Christine De Veyrac, Dominique Vlasto, Michel Dantin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ fit-trasport bl-ajru fl-ispazju tal-arja Ewropew kollu ***bi 30%,*** | – tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ fit-trasport bl-ajru fl-ispazju tal-arja Ewropew kollu ***b'20%,*** |

Or. fr

**Emenda 66**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ fit-trasport bl-ajru fl-ispazju tal-arja Ewropew kollu bi ***30%***, | – tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ fit-trasport bl-ajru fl-ispazju tal-arja Ewropew kollu bi ***12%***, ***(din iċ-ċifra tista' tintlaħaq biss permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ajru Uniku Ewropew). Se jkun hemm aktar tnaqqis minħabba t-tiġdid tal-flotta, it-titjib tal-effikaċità tal-fjuwil u d-disponibilità tal-fjuwils tal-ġett bijoloġiċi,*** |

Or. en

**Emenda 67**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– tnaqqis uniformi tal-emissjonijiet $CO_2$ u tal-kontaminanti fin-navigazzjoni bi 30%,,*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Spyros Danellis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– tnaqqis uniformi tal-emissjonijiet $CO_2$ u tal-kontaminanti fin-navigazzjoni bi 30%,*** | ***– Fir-rigward tan-navigazzjoni, wara l-ftehima globali fl-IMO dwar il-miżuri għall-iffrankar tal-enerġija (EEDI/SEEMP), għandhom jiġu deċiżi*** |

***aktar passi fl-IMO biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju.***

Or. en

**Emenda 69**
**Georgios Koumoutsakos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – tnaqqis ***uniformi*** tal-emissjonijiet $CO_2$ u tal-kontaminanti fin-navigazzjoni ***bi*** 30%, | – tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ u tal-kontaminanti fin-navigazzjoni ***sa*** 30% ***bl-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti li se jiġu miftiehma fi ħdan l-IMO**, **li fil-qafas tagħha ntlaħaq qbil dwar il-miżuri ta' trażżin tal-konsum tal-enerġija (EEDI/SEEMP),*** |

Or. el

**Emenda 70**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- Wara ftehima dwar il-miżuri għall-iffrankar tal-enerġija (EEDI/ SEEMP) fl-IMO, aktar miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju għandhom ikomplu jiġu ġestiti permezz tal-IMO,*** |

| | |
|---|---|
| | ***u jitlob biex dawn il-miri jitqiesu bħala prijoritarji, li għalhekk għandhom jiġu vverifikati kull sena, li jisseparaw it-tkabbir tat-trasport mit-tkabbir ekonomiku, minflok ma titnaqqas id-domanda għat-trasport; l-istabbiliment ta' miri għall-effikaċità fl-enerġija minflok għall-bidliet modali, għandu jkun il-qofol tal-politika Ewropea tat-trasport biex ma jkunx hemm effett negattiv fuq il-mira tal-istrateġija Ewropa 2020 li żżid il-kompetittività u l-benesseri tas-soċjetà;*** |

Or. en

**Emenda 71**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| u jitlob biex dawn l-għanijiet jiġu kkunsidrati bħala prijoritarji u għalhekk jiġu riveduti kull sena; | u jitlob biex dawn l-għanijiet jiġu kkunsidrati bħala prijoritarji u għalhekk jiġu riveduti kull sena ***u koordinati ma' inizjattivi ta' politika Ewropej oħrajn fil-qasam tal-kwalità tal-arja (SOx, NOx u materji partikulati)***; |

Or. nl

**Emenda 72**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| u jitlob biex ***dawn*** l-għanijiet jiġu kkunsidrati bħala prijoritarji u għalhekk jiġu riveduti kull sena; | u jitlob biex l-għanijiet ***kollha msemmija f'dan il-paragrafu*** jiġu kkunsidrati bħala prijoritarji u għalhekk jiġu riveduti kull sena; |

Or. en

**Emenda 73**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni kollha adottata f'dawn l-aħħar snin bl-għan li jitnaqqas l-impatt ambjentali, l-emissjonijiet tal-gass, il-ħsejjes, il-konsum tal-enerġija fil-qasam tat-trasport, għandha tiġi implimentata kif suppost u b'mod rapidu sabiex tgħin lis-settur jilħaq l-objettivi stabbiliti għall-2020;*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Eva Lichtenberger, Michael Cramer, Isabelle Durant, Keith Taylor**

| | ***4b. Jenfasizza li politika Ewropea tat-trasport u l-mobilità ambizzjuża u effiċjenti teħtieġ qafas finanzjarju adegwat b'riżorsi suffiċjenti. Għaldaqstant, għandhom jiżdiedu r-riżorsi attwali għat-trasport u l-mobilità b'tali mod li jħeġġu l-inizjattivi pubbliċi u privati; jilqa' u jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li jiġi introdott strument ġdid, il-faċilità "Nikkollegaw l-Ewropa" għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss, iżda jfakkar li l-kostijiet previsti biex jintlaħqu l-objettivi tal-White Paper jirrikjedu l-livell ta' impenn meħtieġ sal-2050.*** |

Or. es

**Emenda 122**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jirrikonoxxi li l-mezzi tat-trasport huma kumplimentari, li din il-kumplimentarjetà għandha tiġi analizzata primarjament f'termini ta' meded, jilqa' l-miri indikattivi tal-White Paper dwar it-Trasport f'termini ta' trasport tal-merkanzija fuq l-art fuq distanza twila u trasport tal-passiġġieri fuq l-art fuq distanza intermedjarja, jinterpreta dawn l-objettivi bħala valuri medji li għandhom jintlaħqu kollha kemm huma fl-Unjoni filwaqt li jippermettu bis-sħiħ li jkun hemm differenzi nazzjonali u reġjonali, u jitlob lill-Kummissjoni tipproponi leġilazzjoni dwar il-ġbir u l-pubblikazzjoni*** |

***ta' indikaturi statistiċi li jwasslu għal monitoraġġ annwali u rappurtar dwar il-progress li jkun sar sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi;***

Or. en

**Emenda 123**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jenfasizza l-potenzjal li għadu ma ġiex esplorat biżżejjed tat-trasport fuq id-Danubju u fiż-żona tal-Baħar l-Iswed, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li jinsabu tul ix-Xmara Danubju biex jiżviluppaw dan il-potenzjal billi joħolqu terminals multimodali, jimmodernizzaw il-portijiet tax-Xmara Danubju, u billi jiżviluppaw kurituri marittimi ta' distanza qasira lejn il-Baħar l-Iswed;*** |

Or. ro

**Emenda 124**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4 c (new)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. Jenfasizza li l-aħħar 10 snin kienu kkaratterizzati minn tnaqqis fl-investiment għall-manutenzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju, fatt li wassal għal tnaqqis fil-kwalità tas-servizzi ferrovjarji Ewropej u għal sehem iżgħar fis-suq tat-trasport ferrovjarju;*** |

| | |
|---|---|
| | ***jenfasizza l-importanza tat-trasport ferrovjarju għall-futur tat-trasport Ewropew u jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiżguraw il-finanzjament meħtieġ għall-manutenzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u tan-netwerks ferrovjarji eżistenti, u biex janalizzaw u jippjanaw it-tlestija ta' netwerk ferrovjarju ta' veloċità għolja biex permezz tiegħu jingħaqdu l-bliet kapitali, il-bliet ewlenin u ċ-ċentri industrijali kollha fl-UE sal-2050;*** |

Or. ro

**Emenda 125**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. jenfasizza li l-kunċett tat-TEN-T għandu jipprovdi għal numru limitat ta' proġetti ***b'aktar*** fondi, billi: | 5. jenfasizza li l-kunċett tat-TEN-T għandu jipprovdi għal numru limitat ta' proġetti ***sostenibbli b'perspettiva realistika ta'*** fondi ***u ta' twettiq f'dan id-deċenju***, billi: |

Or. en

**Emenda 126**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. jenfasizza li l-kunċett tat-TEN-T għandu jipprovdi għal numru limitat ta' proġetti b'aktar fondi, billi | 5. jenfasizza li l-kunċett tat-TEN-T għandu jipprovdi għal numru limitat ta' proġetti ***b'valur miżjud Ewropew*** b'aktar fondi, billi |

Or. nl

**Emenda 127**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. jenfasizza li l-kunċett tat-TEN-T għandu jipprovdi għal ***numru limitat ta'*** proġetti ***b'aktar fondi***, billi | 5. jenfasizza li l-kunċett tat-TEN-T għandu jipprovdi għal ***aktar fondi b'tali mod li jkunu biżżejjed biex jiġu żviluppati*** proġetti ***ta' interess Ewropew awtentiku li jħeġġu l-koperazzjoni prijoritarja bejn is-settur pubbliku u dak privat***, billi |

Or. es

**Emenda 128**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom ***biex sal-2020 jeliminaw*** il-25 ***post ta' konġestjoni*** li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, biex jagħtu prijorità lil proġetti transkonfinali u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015; | – l-Istati Membri ***biex sal-2020*** jikkommettu ruħhom ***għal 25 konnessjoni tal-infrastruttura sostenibbli*** li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport ***li jistgħu jiġu ffinanzjati u mwettqa***, biex jagħtu prijorità lil proġetti ***ferrovjarji*** transkonfinali ***fi Stati Membri ġodda*** u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015; |

Or. en

**Emenda 129**
**Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw ***il-25 post*** ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, ***biex jagħtu prijorità lil proġetti transkonfinali*** u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015, | – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw ***il-postijiet prinċipali*** ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015, |

Or. fr

**Emenda 130**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw il-25 post ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, biex jagħtu prijorità lil proġetti transkonfinali u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015; | – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw il-25 post ta' konġestjoni ***ta' 10 kurituri prinċipali fejn jgħaddi l-parti l-kbira tat-traffiku*** li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, biex jagħtu prijorità lil proġetti transkonfinali u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015; |

Or. en

**Emenda 131**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw il-25 post ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport**,** biex ***jagħtu prijorità*** | – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw il-25 post ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport ***u*** biex***, jekk ikun*** |

| | |
|---|---|
| ***lil proġetti transkonfinali*** u ***biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015***, | ***meħtieġ, jippromwovu l-fatt li dawn jiġu billi jiżviluppaw infrastrutturi intermodali fil-punt tat-tluq*** u ***tat-tmiem tal-vjaġġ***, |

Or. de

**Emenda 132**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw il-25 post ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, biex jagħtu prijorità lil proġetti transkonfinali u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015, | – l-Istati Membri ***għandhom*** jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw il-25 post ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, biex jagħtu prijorità lil proġetti transkonfinali u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-2015, |

Or. fr

**Emenda 133**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw il-25 post ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, biex jagħtu prijorità lil proġetti transkonfinali u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-***2015***, | – l-Istati Membri jikkommettu ruħhom biex sal-2020 jeliminaw il-25 post ta' konġestjoni li huma magħrufa fiż-żona Ewropea tat-trasport, biex jagħtu prijorità lil proġetti transkonfinali u biex jissottomettu pjan approvat ta' fondi sal-***2013, bħala qafas għall-Programmi Operazzjonali speċifiċi tal-Istati Membri, u f'konformità magħhom;*** |

Or. ro

**Emenda 134**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- Ir-reviżjoni tal-programm TEN-T għandha tappoġġja d-diversifikazzjoni u l-konnettività bejn il-kurituri prijoritarji u l-popolazzjoni tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tat-traffiku fil-post ta' konġestjoni mingħajr ma ssir diskriminazzjoni kontra kwalunkwe mezz tat-trasport speċifiku.*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-Istati Membri jikkommettu ruħhom li jagħtu prijorità lill-proġetti transkonfinali u li sal-2015 jippreżentaw pjan ta' finanzjament approvat ,*** |

Or. de

**Emenda 136**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tipproponi lill-Istati Membri li jiġi | – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tipproponi lill-Istati Membri li jiġi |

| | |
|---|---|
| pprovdut finanzjament dirett ta' dawn il-proġetti b'mill-inqas 30% tal-investiment totali, b'koordinazzjoni mal-politika reġjonali; | pprovdut finanzjament dirett ta' dawn il-proġetti b'mill-inqas 30% tal-investiment totali, b'koordinazzjoni mal-politika reġjonali ***u skont l-objettivi 20-20-20 sal-2020***; |

Or. en

**Emenda 137**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tipproponi lill-Istati Membri li jiġi pprovdut finanzjament dirett ta' dawn il-proġetti b'mill-inqas 30% tal-investiment totali, b'koordinazzjoni mal-politika reġjonali, | – il-Kummissjoni ***għandha*** tikkommetti ruħha li tipproponi lill-Istati Membri li jiġi pprovdut finanzjament dirett ta' dawn il-proġetti b'mill-inqas 30% tal-investiment totali, b'koordinazzjoni mal-politika reġjonali, |

Or. fr

**Emenda 138**
**Lambert van Nistelrooij**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tipproponi lill-Istati Membri li jiġi pprovdut finanzjament dirett ta' dawn il-proġetti ***b'mill-inqas 30%*** tal-investiment totali, b'koordinazzjoni mal-politika reġjonali; | – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tipproponi lill-Istati Membri li jiġi pprovdut finanzjament dirett ta' dawn il-proġetti ***b'parti xierqa*** tal-investiment totali, b'koordinazzjoni mal-politika reġjonali; |

Or. en

**Emenda 139**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u li tipprovdi għal aktar użu ta' dawk ir-riżorsi biex jiffinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 140**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u ***li tipprovdi għal aktar użu ta' dawk ir-riżorsi biex jiffinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti*** biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni; | – il-Kummissjoni *għandha* tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni; |

Or. en

**Emenda 141**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti***, u li tipprovdi għal aktar użu ta' dawk ir-riżorsi biex jiffinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni***; | – il-Kummissjoni *għandha* tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti; |

Or. nl

**Emenda 142**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u li tipprovdi ***għal aktar użu*** ta' dawk ir-riżorsi biex jiffinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni, | – il-Kummissjoni *għandha* tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u li tipprovdi ***għall-użu esklużiv*** ta' dawk ir-riżorsi biex jiffinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni, |

Or. de

**Emenda 143**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u li tipprovdi għal aktar użu ta' | – il-Kummissjoni ***għandha*** tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u li tipprovdi għal aktar |

| | |
|---|---|
| dawk ir-riżorsi biex jiffinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni, | użu ta' dawk ir-riżorsi biex jiffinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni, |

Or. fr

**Emenda 144**
**Silvia-Adriana Ţicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u li tipprovdi għal aktar użu ta' dawk ir-riżorsi biex jiffinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni**,** | – il-Kummissjoni *għandha* tikkommetti ruħha li tappoġġa mudelli u strumenti alternattivi ta' finanzjament, li jinkludu bonds ta' proġetti, u li tipprovdi għal aktar użu ta' dawk ir-riżorsi ***kemm*** biex jiffinanzjaw proġetti TEN-T meta tagħmel proposti biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni ***kif ukoll biex jiżviluppaw l-infrastruttura tat-trasport tal-Istati Membri;*** |

Or. ro

**Emenda 145**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– Il-pjanijiet ta' investiment Komunitarju u dak nazzjonali għall-'e-freight' u s-Sistemi Intelliġenti tat-Trasport (ITS) għandhom jiġu adottati u implimentati b'mod koordinat sabiex ikun hemm fluss elettroniku ta' informazzjoni flimkien mal-fluss fiżiku ta' merkanzija;*** ***– il-proġetti għandhom jintgħażlu skont*** |

| | |
|---|---|
| | ***analiżi tal-kosti/benefiċċji;*** |

Or. en

**Emenda 146**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***id-definizzjoni tal-prijoritajiet għandha tiġi kkunsidrata b'rabta mill-qrib mal-kundizzjonijiet għall-użu ta' fondi strutturali reġjonali u*** l-Istati Membri jiġu obbligati li jiżguraw finanzjament ***ta' dawn il-proġetti*** lil hinn mill-*perdjodu* stipulat tal-programmi multiannwali tal-UE; | – l-Istati Membri jiġu obbligati li jiżguraw finanzjament ***tal-proġetti*** lil hinn mill-*perjodu* stipulat tal-programmi multiannwali tal-UE; |

Or. nl

**Emenda 147**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – id-definizzjoni tal-prijoritajiet għandha tiġi kkunsidrata b'rabta mill-qrib mal-kundizzjonijiet għall-użu ta' fondi strutturali reġjonali u l-Istati Membri jiġu obbligati li jiżguraw finanzjament ta' dawn il-proġetti lil hinn mill-perdjodu stipulat tal-programmi multiannwali tal-UE, | – id-definizzjoni tal-prijoritajiet għandha tiġi kkunsidrata b'rabta mill-qrib mal-kundizzjonijiet għall-użu ta' fondi strutturali reġjonali u l-Istati Membri ***għandhom*** jiġu obbligati li jiżguraw finanzjament ta' dawn il-proġetti lil hinn mill-perdjodu stipulat tal-programmi multiannwali tal-UE, |

Or. fr

**Emenda 148**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– in-netwerk prinċipali tal-kurituri multimodali tal-merkanzija għandu jiġi żviluppat abbażi tal-proġetti TEN-T u għandu jaħdem bħala entità unika, li tinkludi infrastruttura intermodali, pjattaformi u tagħmir intermodali u soluzzjonijiet tal-ICT;*** |

Or. en

**Emenda 149**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- in-netwerk prinċipali għandu jiġi żviluppat abbażi tal-proġetti TEN-T prijoritarji u għandu jinkludi infrastruttura intermodali, pjattaformi u tagħmir intermodali u soluzzjonijiet tal-ICT;*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- Il-Kummissjoni għandha tippreżenta*** |

| | |
|---|---|
| | ***proposta biex jiġi evitat li l-garanziji statali tal-kofinanzjament privat mis-Sħubijiet Privati Pubbliċi (PPP) u forom oħra ma jirriżultawx bħala deterrent, kawża tal-piż tagħhom b'rabta mal-iżbilanċ pubbliku.*** |

Or. es

**Emenda 151**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-prijorità tal-proġetti wara l-2015 tinżamm biss jekk l-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti li jiggarantixxu l-implimentazzjoni tal-proġetti; | – il-prijorità tal-proġetti wara l-2015 tinżamm biss jekk l-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet ***baġitarji*** vinkolanti li jiggarantixxu l-implimentazzjoni tal-proġetti ***u l-kofinanzjament tal-UE għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju "użah jew titilfu"***; |

Or. en

**Emenda 152**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-prijorità tal-proġetti wara l-2015 tinżamm biss jekk l-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti ***li*** jiggarantixxu l-implimentazzjoni tal-proġetti; | – il-prijorità tal-proġetti wara l-2015 tinżamm biss jekk l-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti ***biex*** jiggarantixxu l-implimentazzjoni tal-proġetti; |

Or. en

**Emenda 153**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-prijorità tal-proġetti wara l-2015 tinżamm biss jekk l-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti li jiggarantixxu l-implimentazzjoni tal-proġetti; | – il-prijorità tal-proġetti wara l-2015 ***tista'*** tinżamm biss jekk l-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti li jiggarantixxu l-implimentazzjoni tal-proġetti; |

Or. fr

**Emenda 154**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 5 a (new)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- Iż-żieda fl-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' parkeġġ sigur ta' kowċis u trakkijiet għandha tkun prijorità fil-programm.*** |

Or. en

**Emenda 155**
**Giommaria Uggias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- għandha tiġi kkunsidrata b'mod partikolari l-ħtieġa li r-reġjuni gżira, ir-reġjuni mingħajr kosta u r-reġjuni periferali jingħaqdu mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni skont l-Artikolu 170 tat-TFUE;*** |

Or. it

**Emenda 156**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- L-EuroVelo, in-netwerk Ewropew tar-rotta taċ-ċikliżmu fuq distanza twila, għandu jiġi inkluż fin-netwerk TEN-T*** |

Or. en

**Emenda 157**
**Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jitlob li jiġu żviluppati politiki industrijali ambizzjużi fil-qasam tat-trasport, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti konkreti għas-sottosetturi strateġiċi;*** |

Or. fr

**Emenda 158**
**Zigmantas Balčytis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jinsisti li jiġu żgurati l-effettività u l-viżibilità tal-azzjoni tal-UE fil-qasam tat-TEN-T u użu aħjar tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-iskopijiet intiżi;*** |

Or. lt

**Emenda 159**
**Frieda Brepoels**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jilqa' bi pjaċir it-talba tal-Kummissjoni għal ċarezza fir-rigward tal-oqfsa tal-politika fil-futur u għal politika koerenti fil-livell tal-UE; jinsab konvint li viżjoni ċara u fit-tul fir-rigward tal-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport fl-Ewropa, f'konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, hija l-aħjar mod biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti tal-politika dwar l-infrastruttura u t-trasport fl-UE; il-politika tat-trasport u l-infrastruttura tal-Istati Membri għandha tistinka għal din l-istrateġija Ewropea u saħansitra ssaħħaħha fejn ikun possibbli; f'dan il-kuntest, il-fatt li skemi ta' investimenti jew ta' finanzjament jiġu kontinwament diskussi għandu effett detrimentali;*** |

Or. nl

**Emenda 160**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippreżentaw strateġija konġunta ta' informazzjoni, komunikazzjoni u konsultazzjoni tal-atturi involuti kollha, bil-parteċipazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***speċjali taċ-ċittadini kkonċernati, dwar il-ħtiġijiet, l-ippjanar, l-iżvilupp u l-finanzjament tal-infrastrutturi meħtieġa għat-tkabbir, il-mobilità, l-iżvilupp u l-impjiegi, f'konformità mal-impenji tal-istrateġija Ewropa 2020.*** |

Or. es

**Emenda 161**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-istess standards tas-sikurezza għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; | 6. Jenfasizza li l-istess standards tas-sikurezza ***u l-istess standards tal-aċċessibilità*** għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; |

Or. hu

**Emenda 162**
**Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-istess standards ***tas-sikurezza*** għandhom japplikaw għat- | 6. Jenfasizza li l-istess standards ***tas-sigurtà*** għandhom japplikaw għat-trasport |

| | |
|---|---|
| trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; | tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew ***sabiex jittaffa t-traffiku u jitnaqqsu l-konġestjonijiet,*** u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; |

Or. fr

**Emenda 163**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li ***l-istess*** standards tas-sikurezza għandhom japplikaw ***għat-trasport*** tal-persuni u tal-merkanzija ***fit-tipi kollha tat-trasport*** fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; | 6. Jenfasizza li standards tas-sikurezza ***adattati għar-riskji*** għandhom japplikaw ***għal kull tip ta' trasport*** tal-persuni u tal-merkanzija fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; |

Or. es

**Emenda 164**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-istess standards ***tas-sikurezza*** għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi ***tas-sikurezza***, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda ***sal-2015;*** | 6. Jenfasizza li l-istess standards ***tas-sigurtà*** għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew***, biex jitnaqqsu l-battikati*** u ***l-postijiet ta' konġestjoni, u*** jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi ***tas-sigurtà***, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda ***biex jintegraw aħjar approċċ ibbażat fuq l-eżitu u r-riskju, li jippermetti l-adattament tar-rekwiżiti tal-iskrinjar abbażi tar-riskju reali.*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-istess standards ***tas-sikurezza*** għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi ***tas-sikurezza***, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; | 6. Jenfasizza li l-istess standards ***tas-sigurtà*** għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi ***tas-sigurtà***, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; |

Or. en

**Emenda 166**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-istess standards tas-sikurezza għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; | 6. Jenfasizza li l-istess standards tas-sikurezza ***u tas-sigurtà*** għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza ***u tas-sigurtà***, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015 ***biex jiġi integrat aħjar approċċ ibbażat fuq ir-riskju li fejn ikun xieraq jippermetti li ssir distinzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-iskrinjar sal-2015***; |

Or. en

**Emenda 167**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li ***l-istess*** standards tas-sikurezza għandhom japplikaw ***għat-trasport*** tal-persuni u tal-merkanzija ***fit-tipi kollha tat-trasport*** fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta’ obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f’moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni | 6. Jenfasizza li standards tas-sikurezza ***adattati għar-riskji*** għandhom japplikaw ***għal kull tip ta’ trasport*** tal-persuni u tal-merkanzija fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta’ obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f’moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija |

| | |
|---|---|
| internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; | prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; |

Or. es

**Emenda 168**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-istess standards ***tas-sikurezza*** għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi ***tas-sikurezza***, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; | 6. Jenfasizza li l-istess standards ***tas-sigurtà*** għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi ***tas-sigurtà***, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; ***jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-benefiċċji kollha li jiġu żviluppati approċċi innovattivi fil-qasam tas-sigurtà, filwaqt li wieħed jiffoka kemm fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda kif ukoll fuq l-identifikazzjoni ta' mġiba u rotot li jippreżentaw l-iktar riskji;*** |

Or. fr

**Emenda 169**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jenfasizza li l-istess standards*** tas-sikurezza għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija ***fit-tipi kollha tat-trasport*** fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; | 6. ***Miżuri*** tas-sikurezza ***armonizzati fil-livell Ewropew*** għandhom japplikaw ***filwaqt li jiġu kkunsidrati d-diversi tipi ta' trasport*** tal-persuni u tal-merkanzija fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; |

Or. es

**Emenda 170**
**Carlo Fidanza**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-istess standards tas-sikurezza għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; | 6. Jenfasizza li l-istess standards tas-sikurezza ***u tas-sigurtà*** għandhom japplikaw għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija fit-tipi kollha tat-trasport fil-livell Ewropew u jitlob li jkun hemm proposta għall-finanzjament ta' obbligi tas-sikurezza ***u tas-sikurezza***, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li partikolarment fil-każ tat-trasport marittimu u bl-ajru l-koordinazzjoni internazzjonali hija prerekwiżit, filwaqt li r-regolamenti attwali għandhom jiġu riveduti jew jitfasslu oħrajn ġodda sal-2015; |

Or. en

**Emenda 171**
**Giommaria Uggias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport u jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu ***permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu***, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva; | 7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport u jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva; |

Or. it

**Emenda 172**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport u jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva; | 7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport u jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva; ***jeħtieġ li jiġu adottati politiki rilevanti biex jinċentivaw il-produzzjoni tagħhom u l-użu tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 173**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport ***u jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva***; | 7. ***Iħeġġeġ il-bidla u*** jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport; |

Or. de

**Emenda 174**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport u jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva; | 7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport***,*** u ***b'mod partikolari għat-trasport bl-ajru fuq distanzi twal li għalih m'hemm ebda alternattiva oħra, u*** jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva; ***jitlob, f'dan ir-rigward, li tiġi ppreżentata strateġija Ewropea dwar l-iżvilupp tal-bijofjuwils tal-ġenerazzjoni l-ġdida għall-mezzi kollha tat-trasport, li għandha tiġi appoġġjata minn finanzjament Ewropew adegwat u minn miżuri biex iħeġġu s-settur privat jinvesti fil-proġetti attwali u f'dawk futuri li jirrigwardaw ir-riċerka, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tal-bijofjuwils avvanzati;*** |

Or. fr

**Emenda 175**
**Carlo Fidanza**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport u jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva; | 7. Jenfasizza l-importanza tal-enerġiji alternattivi u/jew rinnovabbli għat-trasport u jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva; ***huwa importanti li tiġi rikonoxxuta s-sitwazzjoni speċifika tas-settur tal-avjazzjoni, filwaqt li jiġu żviluppati inċentivi speċifiċi għall-użu ta' bijofjuwils fis-settur;*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Madankollu, jaċċetta li mhux biss mhuwiex fl-ambitu tal-kompetenza tal-UE li din tipprova tinforza t-tneħħija gradwali tal-karozzi li jimxu bil-fjuwils konvenzjonali miċ-ċentri tal-ibliet sal-2050, iżda dan la huwa realistiku u lanqas huwa mixtieq.*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jissottolinja li l-miri stabbiliti jistgħu jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' forom differenti ta' enerġija, mingħajr il-ħtieġa ta' enerġija nukleari, u l-possibilitajiet tal-iffrankar tal-enerġija li diġà jeżistu, megħjuna mill-infrastruttura rispettiva;*** |

Or. de

**Emenda 178**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jitlob li jintużaw soluzzjonijiet diġà eżistenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ u li l-miri ta' tnaqqis futuri jiġu fformulati mingħajr riferiment għal teknoloġiji konkreti;*** |

Or. de

**Emenda 179**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Ifakkar li l-prinċipju "min iniġġes iħallas" għandu jkun implimentat għall-mezzi kollha tat-trasport u bl-istess mod għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri; jinsisti li l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-trasport għandhom*** |

***jinkludu regoli stretti ta' identifikazzjoni stretti biex jitnaqqsu dawk l-ispejjeż speċifiċi.***

Or. en

**Emenda 180**
**Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jinsisti dwar il-fatt li l-Kummissjoni għandu jkollha strateġija globali u koerenti fir-rigward tal-enerġiji rinnovabbli, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-produzzjoni, il-provvista u l-użu tagħhom; ifakkar li s-settur tat-trasport huwa biss ħolqa f'katina u jista' juża biss l-enerġija li titqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu;*** |

Or. fr

**Emenda 181**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jitlob biex sal-2015, il-proposta għall-mobilità tal-belt, fejn l-għajnuna ta' proġetti, filwaqt li tħares is-sussidjarjetà, tkun tiddependi mill-pjan ta' katina loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent (tniġġis tal-arja u storbju), tkun konformi mal-istandards tal-politika Ewropea tat-trasport, kif ukoll tkun koerenti mal-ibliet u r-reġjuni ta' madwar; | 8. Jitlob biex sal-2015, il-proposta għall-mobilità tal-belt, fejn l-għajnuna ta' proġetti, filwaqt li tħares is-sussidjarjetà, tkun tiddependi mill-pjan ***sostenibbli*** ta' katina loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffiku***, tal-inċidenti, tal-impatt fuq it-tibdil klimatiku*** u tad-dannu għall-ambjent (tniġġis tal-arja u storbju), tkun konformi mal-istandards ***u mal-objettivi*** tal-politika Ewropea tat-trasport, kif ukoll tkun |

koerenti mal-ibliet u r-reġjuni ta' madwar;

Or. en

**Emenda 182**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Jitlob biex sal-2015, il-proposta għall-mobilità*** tal-belt***, fejn l-għajnuna ta' proġetti, filwaqt li tħares is-sussidjarjetà, tkun tiddependi mill-pjan ta'*** katina loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent (tniġġis tal-arja u storbju), ***tkun konformi mal-istandards tal-politika Ewropea tat-trasport, kif ukoll tkun koerenti mal-ibliet u r-reġjuni ta' madwar;*** | 8. ***Jenfasizza l-importanza tal-ippjanar tal-mobilità*** tal-belt***, li jipprovdi*** katina loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent (tniġġis tal-arja u storbju), ***madankollu, jifhem li l-mobilità tal-belt mhijiex kompetenza tal-UE.*** |

Or. en

**Emenda 183**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jitlob biex sal-2015, il-proposta għall-mobilità tal-belt, fejn l-għajnuna ta' proġetti, filwaqt li tħares is-sussidjarjetà, tkun tiddependi mill-pjan ta' katina loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent (tniġġis tal-arja u storbju), tkun konformi mal-istandards tal-politika Ewropea tat-trasport, kif ukoll tkun koerenti mal-ibliet u | 8. Jitlob biex sal-2015, il-proposta għall-mobilità tal-belt, fejn l-għajnuna ta' proġetti, filwaqt li tħares is-sussidjarjetà, tkun tiddependi mill-pjan ta' katina loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent (tniġġis tal-arja u storbju), ***tiżgura aktar sikurezza fit-toroq,*** tkun konformi mal-istandards tal-politika Ewropea tat-trasport, |

| | |
|---|---|
| r-reġjuni ta' madwar; | kif ukoll tkun koerenti mal-ibliet u r-reġjuni ta' madwar***; jitlob li jsir skambju tal-aħjar prattiki b'eżempji ta' kunċetti sostenibbli u perfettament adattati ta' mobilità urbana li huma ta' suċċess partikolari***; |

Or. de

**Emenda 184**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jitlob biex sal-2015, il-proposta għall-mobilità tal-belt, fejn l-għajnuna ta' proġetti, filwaqt li tħares is-sussidjarjetà, tkun tiddependi mill-pjan ta' katina loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent (tniġġis tal-arja u storbju), tkun konformi mal-istandards tal-politika Ewropea tat-trasport, kif ukoll tkun koerenti mal-ibliet u r-reġjuni ta' madwar; | 8. Jitlob biex sal-2015, il-proposta għall-mobilità tal-belt, fejn l-għajnuna ta' proġetti, filwaqt li tħares is-sussidjarjetà, tkun tiddependi mill-pjan ta' katina loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent (tniġġis tal-arja u storbju), tkun konformi mal-istandards tal-politika Ewropea tat-trasport, kif ukoll tkun koerenti mal-ibliet u r-reġjuni ta' madwar; ***jenfasizza l-importanza tal-innovazzjoni u r-riċerka, pereżempju fir-rigward tal-ajrudinamka u l-użu tal-vetturi elettroniċi għal mobilità urbana effiċjenti u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent.*** |

Or. en

**Emenda 185**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jitlob biex sal-2015, ***il-proposta għall-mobilità*** tal-belt, fejn ***l-għajnuna ta' proġetti***, ***filwaqt*** li tħares is-sussidjarjetà***, tkun tiddependi mill-pjan ta' katina*** loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, ***tikkontribwixxi għat-tnaqqis*** tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent ***(tniġġis tal-arja u storbju)***, ***tkun konformi*** mal-istandards tal-politika Ewropea ***tat-trasport***, ***kif ukoll tkun koerenti mal-ibliet u r-reġjuni ta' madwar;*** | 8. Jitlob biex sal-2015, ***jiġu ppreżentati proposta u mekkaniżmu ta' għajnuna finanzjarja biex jitħejjew verifiki u pjanijiet dwar il-mobilità sostenibbli*** li tħares is-sussidjarjetà***. L-għajnuna għal dawn għandha tikkunsidra l-katina*** loġistika effikaċi ta' persuni u ta' merkanzija, ***it-tnaqqis*** tat-traffiku u tad-dannu għall-ambjent, ***ir-rabta bejn il-politika tat-trasport u l-ippjanar tal-użu tal-art kif ukoll il-konformità*** mal-istandards tal-politika Ewropea***.***<br><br>***L-għajnuna finanzjarja għandha tikkunsidra l-kriterji tal-benefiċċji f'termini soċjali u ekonomiċi tal-ispejjeż li ġejjin mill-użu tas-servizz li jiżguraw, fi żmien qasir, medju u twil, il-vijabilità tas-sistema tat-trasport effiċjenti.*** |

Or. es

**Eva Lichtenberger, Michael Cramer, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12 a. Jirrikonoxxi li ż-żoni b'emissjonijiet baxxi/żoni ekoloġiċi jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex tittejjeb il-kwalità tal-arja f'żoni urbani, iżda l-ibliet għandu jkollhom aktar libertà fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-iskemi abbażi taċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom;*** <br><br> ***huwa tal-fehma li għandu jiġi promoss punt ta' kuntatt ċentrali għall-informazzjoni għall-iskemi kollha madwar l-UE biex jiġi permess l-ippjanar tal-vjaġġ effikaċi u eżempju tajjeb huwa ż-żieda ta' http://www.lowemissionzones.eu u l-inklużjoni taż-żoni b'nollijiet tat-toroq;*** |

Or. en

**Emenda 245**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***13. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm titjib u standardizzazzjoni ta' tagħmir ta' kontroll, bħal pereżempju radars tal-veloċità u "on-board-units", kif ukoll tas-sistemi jew il-mezzi tal-komunikazzjoni u jitlob biex sal-2013 tiġi sottomessa proposta għar-rikonoxximent reċiproku u għall-interoperabilità ta' dan l-apparat;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 246**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm titjib u standardizzazzjoni ta' tagħmir ta' kontroll, bħal pereżempju radars tal-veloċità u "on-board-units", kif ukoll tas-sistemi jew il-mezzi tal-komunikazzjoni u jitlob biex sal-2013 tiġi sottomessa proposta għar-rikonoxximent reċiproku u għall-interoperabilità ta' dan l-apparat***;*** | 13. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm titjib u standardizzazzjoni ta' tagħmir ta' kontroll, bħal pereżempju radars tal-veloċità u "on-board-units", kif ukoll tas-sistemi jew il-mezzi tal-komunikazzjoni u jitlob biex sal-2013 tiġi sottomessa proposta għar-rikonoxximent reċiproku u għall-interoperabilità ta' dan l-apparat ***bl-għan li tiġi żgurata konverġenza ikbar fl-applikazzjoni tal-istandards tat-traffiku għas-sikurezza tat-toroq permezz ta' metodi u prattiki komparabbli.*** |

Or. es

**Emenda 247**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm titjib u standardizzazzjoni ta' tagħmir ta' kontroll, bħal pereżempju radars tal-veloċità u "on-board-units", kif ukoll tas-sistemi jew il-mezzi tal-komunikazzjoni u jitlob biex sal-2013 tiġi sottomessa proposta għar-rikonoxximent reċiproku u għall-interoperabilità ta' dan l-apparat; | 13. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm titjib u standardizzazzjoni ta' tagħmir ta' kontroll ***u tal-iskema komuni ta' għoti ta' liċenzja għalih***, bħal pereżempju radars tal-veloċità u "on-board-units", kif ukoll tas-sistemi jew il-mezzi tal-komunikazzjoni u jitlob biex sal-2013 tiġi sottomessa proposta għar-rikonoxximent reċiproku u għall-interoperabilità ta' dan l-apparat; |

Or. pl

**Emenda 248**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni u koperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet nazzjonali fil-qasam tal- prosekuzzjoni transkonfinali ta' reati tat-traffiku, sabiex tiġi żgurata aktar sikurezza u koerenza rigward it-toroq Ewropej;*** |

Or. de

**Emenda 249**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex tintroduċi, b'mod obbligatorju, regolaturi tal-veloċità b'limiti ta' 120 Km/ h għall-vetturi kummerċjali żgħar u 80km/h għal dawk kbar bl-għan li tiżdied is-sikurezza tat-toroq u jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2.*** |

Or. es

**Emenda 250**
**Georgios Koumoutsakos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jenfasizza li titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport se | 14. Jenfasizza li titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport se |

| | |
|---|---|
| jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport multimodali; | jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport multimodali; ***għandhom jitqiesu l-unitajiet tal-ġarr użati fit-trasport globali.*** |

Or. en

**Emenda 251**
**Hubert Pirker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jenfasizza li titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport se jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport multimodali; | 14. Jenfasizza li titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport se jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport multimodali; ***jiġbed l-attenzjoni li l-qisien u l-piżijiet ġodda tal-vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw il-prinċipju li l-prezzijiet għandhom jirriflettu r-realtà u m'għandhomx iġibu magħhom investimenti addizzjonali għall-adattament tal-infrastruttura tat-toroq;*** |

Or. de

**Emenda 252**
**Saïd El Khadraoui, Olga Sehnalová, Brian Simpson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jenfasizza li ***titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet*** tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport ***se jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport*** multimodali; | 14. Jenfasizza li ***l-bidliet fl-unitajiet*** tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport***, u l-istandardizzazzjoni ta' dawn, għandhom juru l-benefiċċji f'termini tal-iffrankar tal-fjuwil, tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u taż-żieda fis-sikurezza tat-triq filwaqt li jiġi ffaċilitat it-trasport*** multimodali; |

Or. en

**Emenda 253**
**Spyros Danellis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jenfasizza li titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport se jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport multimodali; | 14. Jenfasizza li titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport se jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport multimodali; ***fl-istess ħin, għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni l-unitajiet tal-ġarr standard użati fit-trasport globali.*** |

Or. en

**Emenda 254**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jenfasizza li titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport se jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport multimodali; | 14. Jenfasizza li titjib dirett u standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport se jwasslu għal ottimizzazzjoni fit-trasport multimodali; ***jenfasizza li l-Kummissjoni Ewropea għandha tippromwovi l-użu tal-LHV fit-trasport transkonfinali biex jitnaqqas is-CO2 u biex jiġi ottimizzat it-trasport.*** |

Or. en

**Emenda 255**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jenfasizza li ***titjib dirett*** u ***standardizzazzjoni tal-unitajiet tal-ġarr u d-dimensjonijiet*** tal-vetturi tat-trasport ***se jwasslu għal ottimizzazzjoni*** fit-trasport multimodali; | 14. Jenfasizza li ***n-nuqqas ta' żieda tal-piżijiet standardizzati attwali*** u ***tad-dimensjonijiet*** tal-vetturi tat-trasport***, li ġew stabbiliti madwar l-UE kollha, jottimizza t-trasport*** multimodali; |

Or. en

**Emenda 256**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jinnota li għadhom ma ġewx sfruttati ċerti opportunitajiet għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fit-trasport; pereżempju, il-każ tal-EMS (Sistema Modulari Ewropea) jew l-iżvilupp ta' unitajiet tal-ġarr ġodda u tagħmir ajrudinamku ġdid;*** |

Or. en

**Emenda 257**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14 a. Jenfasizza li s'issa ma ġewx sfruttati bis-sħiħ xi possibilitajiet, li jiswew inqas flus, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ikkawżati mit-trasport, bħalma huma, pereżempju, l-EMS (European Modular System) jew żviluppi oħra ta' unitajiet tal-ġarr ġodda u istallazzjonijiet*** |

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***aerodinamiċi;*** |

Or. de

**Emenda 258**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jenfasizza l-importanza tad-diversi Aġenziji Ewropej tat-Trasport, u jitlob impetu ġdid biex tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tagħhom;*** |

Or. es

**Emenda 259**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jitlob lill-Istati Membri jappoġġjaw u jaħdmu favur livell ekwu bejn il-mezzi ta' trasport kollha, u jappoġġjawh, f'termini tat-tassazzjoni fuq l-enerġija u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT);*** |

Or. en

**Emenda 260**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Jappoġġja l-użu tal-Eurobonds biex tiġi ffinanzjata l-infrastruttura tat-trasport meħtieġa biex jiġu kkompletati t-TEN-Ts*** |

Or. es

**Emenda 261**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14c. Fil-kunsiderazzjoni tal-fatt li l-korpi lokali u reġjonali għandhom kompetenzi sinifikanti fil-qasam tal-politika tat-trasport, jeħtieġ il-parteċipazzjoni tagħhom f'approċċ ta' governanza mifrux fuq diversi livelli.*** |

Or. es

**Emenda 262**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom,*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 263**
**Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***– sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom,*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 264**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom**,** | – ***għandha tiġi emendata r-regolamentazzjoni soċjali dwar it-trasport fit-triq biex ikun hemm aktar flessibilità filwaqt li jinżamm approċċ sikur għall-ħinijiet tal-mistrieħ tas-sewwieqa; jitlob biex*** sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom***;*** |

Or. en

**Emenda 265**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***sal-2014***, ikun hemm ***reviżjoni oħra*** tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, ***kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom***; | – ***sa tmiem l-2013, il-Kummissjoni tkun ippreżentat interpretazzjoni armonizzata tal-implimentazzjoni u l-infurzar*** tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija; |

Or. nl

**Emenda 266**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom, | – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom, ***filwaqt li jiġu kkunsidrati l-proposti tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri tas-sanzjonijiet applikabbli f'każ ta' ksur serju tar-regolamenti soċjali fit-trasport bit-triq,*** |

Or. fr

**Emenda 267**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal- | – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal- |

| | |
|---|---|
| persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom, | persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom, ***jenfasizza li fir-rigward tar-regoli dwar is-sewqan u l-ħinijiet tal-mistrieħ hemm bżonn ta' infurzar uniformi u ġust b'enfasi fuq l-armonizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali fl-UE.*** |

Or. en

**Emenda 268**
**Elisabeth Jeggle**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom; | – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom; ***għandu jiżdied b'mod partikolari l-marġni ta' diskrezzjoni tal-uffiċjali tal-infurzar sabiex jiġi evitat l-ikkastigar ta' ksur li huwa ppruvat li jirriżulta minn forza maġġuri;*** |

Or. de

**Emenda 269**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom; | – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom; ***iqis li s-*** |

| | |
|---|---|
| | ***sewwieqa tat-trasport tal-merkanzija li jsuqu fuq distanzi twal kull ġimgħa għandhom ikunu jistgħu jistrieħu d-dar tagħhom, mingħajr ma jikkompromettu l-objettivi tas-sikurezza tat-toroq; jemmen li jeħtieġ ukoll armonizzazzjoni, fl-Unjoni Ewropea kollha, tar-restrizzjonijiet għall-moviment tat-trasport tal-merkanzija;*** |

Or. es

**Emenda 270**
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra ***tad-dispożizzjonijiet legali*** dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom; | – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra ***tal-qafas regolatorju*** dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom; |

Or. it

**Emenda 271**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom; | – sal-2014, ikun hemm reviżjoni oħra tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għat-trasport tal-persuni***, inklużi s-servizzi fuq distanzi twal*** u ***dawk il-vjaġġi iqsar minn 50 km, it-trasport bit-triq, dak*** tal-merkanzija ***u tal-vetturi tat-trasport maħsuba għall-kostruzzjoni u x-xogħlijiet pubbliċi***, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom; |

Or. es

**Emenda 272**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- id-direttiva dwar il-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema mobbli għandha tiġi ċċarata, partikolarment fid-definizzjoni tagħha tal-ħin tas-servizz u l-ħin li ma jkunx iddedikat speċifikament għall-kontroll tal-vettura.*** |

Or. en

**Emenda 273**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010,*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 274**
**Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010,*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 275**
**Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***jiżdiedu b'40% l-postijiet*** għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010; | – ***sal-2014, jiġi preżentat pjan biex jiżdied in-numru u titjieb il-kwalità tal-postijiet eżistenti*** għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN)***, skont il-kondizzjonijiet speċifiċi*** f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010; |

Or. cs

**Emenda 276**
**Mathieu Grosch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010; | – ***sal-2020*** jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010; |

Or. de

**Emenda 277**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010; | – jiżdiedu b'40% l-postijiet ***sikuri*** għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010; |

Or. nl

**Emenda 278**
**Jim Higgins**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010, | – jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar ***sikur*** tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010, |

Or. en

**Emenda 279**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew | – jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew |

| | |
|---|---|
| tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010; | tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010***, u f'dan ir-rigward jitqiesu b'mod partikolari l-aspetti tas-sikurezza u l-istandards iġjeniċi***; |

Or. de

**Emenda 280**
**Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***jiżdiedu b'40% l-postijiet*** għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010, | – ***żieda ta' mhux aktar minn 40% ta' postijiet*** għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010, |

Or. pl

**Emenda 281**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) ***f'kull Stat Membru*** meta mqabbla mal-valuri tal-2010***,*** | – jiżdiedu b'40% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) ***f'dawk il-kurituri fejn l-iktar ikunu meħtieġa*** meta mqabbla mal-valuri tal-2010 |

Or. es

**Emenda 282**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiżdiedu ***b'40%*** l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru ***meta mqabbla mal-valuri tal-2010***, | – ***jiġu vvalutati u, jekk ikun meħtieġ,*** jiżdiedu l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru ***sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tat-trasportaturi***, |

Or. fr

**Emenda 283**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiżdiedu ***b'40%*** l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010; | – ***sal-2015,*** jiżdiedu ***b'50***% l-postijiet għall-ipparkjar tat-trakkijiet fin-network trans-Ewropew tat-toroq (TERN) f'kull Stat Membru meta mqabbla mal-valuri tal-2010; |

Or. ro

**Emenda 284**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- biex il-kofinanzjament mill-UE għall-infrastruttura tat-toroq jiġi stabbilit għal massimu ta' 20% tal-kofinanzjament totali tal-UE għat-trasport;*** |

Or. en

**Emenda 285**
**Laurence J.A.J. Stassen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent permezz ta' eżenzjonijiet fiskali;*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 286**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent permezz ta' ***eżenzjonijiet*** fiskali, | – il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent ***bil-mezzi kollha*** permezz ta' ***inizjattivi*** fiskali ***bonus-malus***, |

Or. en

**Emenda 287**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' | – il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' |

| | |
|---|---|
| flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent permezz ta' eżenzjonijiet fiskali; | flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent permezz ta' eżenzjonijiet fiskali***, li għandha tinkludi biss vetturi li r-reġistrazzjoni tagħhom tagħti prova li dawn ma jagħmlux ħsara kbira lill-infrastrutturi***; |

Or. de

**Emenda 288**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent permezz ta' eżenzjonijiet fiskali, | – il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent ***–, inklużi vetturi b'żewġ roti u bi tlieta, motorizzati u mhumiex, u biex tħeġġeġ it-tiġdid perjodiku*** permezz ta' eżenzjonijiet fiskali, ***proċeduri ekoloġiċi ta' akkwisti...*** |

Or. en

**Emenda 289**
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent permezz ta' eżenzjonijiet fiskali***;*** | – il-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi tal-Istati Membri li jippromwovu l-ħolqien ta' flotta tat-trasport sikura u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent permezz ta' eżenzjonijiet fiskali ***billi temenda l-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali (2001/C37/03) sabiex jiġi estiż l-ambitu tagħhom għal*** |

***vetturi li ġew manifatturati reċentament b'filtri tal-partikuli, flimkien mal-vetturi manifatturati fil-futur.***

Or. it

**Emenda 290**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- jitneħħew malajr ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-kabotaġġ sabiex jiġi ffaċilitat użu kemm jista' jkun tajjeb mill-aspett ekonomiku u ekoloġiku tal-vetturi tat-trasport u l-parti l-kbira tagħhom jiġu evitati l-vjaġġi mingħajr tagħbija bla bżonn, filwaqt li jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet soċjali, għall-prevenzjoni tad-dumping tal-pagi u l-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta,*** |

Or. de

**Emenda 291**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- jiġi ppreżentat pjan ta' innovazzjoni komprensiv li jkun ta' għajnuna għall-effiċjenza, is-sostenibilità u l-ħolqien ta' impjiegi;*** |

Or. es

**Emenda 292**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jissaħħaħ it-taħriġ* u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi; | – *jissaħħu t-taħriġ* u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi ***minn naħa u, min-naħa l-oħra, promozzjoni komprensiva tal-attrattività ta' dawn il-professjonijiet, u b'hekk jingħeleb in-nuqqas dejjem jiżdied ta' professjonisti***; |

Or. de

**Emenda 293**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jissaħħaħ it-taħriġ* u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport***, sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi***; | – *jissaħħu t-taħriġ* u t-taħriġ avvanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport; |

Or. nl

**Emenda 294**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jissaħħaħ it-taħriġ* u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi; | – *jissaħħu t-taħriġ* u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, ***li jinkludi t-trattament tal-persuni b'diżabilità u l-għajnuna mogħtija lilhom,*** sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi; |

Or. es

**Emenda 295**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jissaħħaħ it-taħriġ* u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ***u tal-pagi***; | – *jissaħħu t-taħriġ* u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol; |

Or. de

**Emenda 296**
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jissaħħaħ it-taħriġ* u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi; | – *jissaħħu t-taħriġ* u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm approssimazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-pagi; ***taħriġ sħiħ u standardizzat ta' dawk li jwettqu l-kontrolli fit-toroq u fl-awtostradi tal-Istati*** |

***Membri sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u effikaċi tar-regoli tal-UE;***

Or. it

**Emenda 297**
**Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jissaħħaħ it-taħriġ u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm ***approssimazzjoni*** tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u ***tal-pagi***; | – jissaħħaħ it-taħriġ u t-taħriġ avanzat u l-aċċess għall-impjieg minn persuni impjegati fit-trasport, sabiex ikun hemm ***titjib*** tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u ***sabiex is-settur isir iktar attraenti***; |

Or. en

**Emenda 298**
**Marita Ulvskog**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- jiġi żgurat li jintlaħaq ftehim dwar kodiċi soċjali għal ħaddiema mobbli tat-trasport, biex bih jiġu indirizzati problemi tal-impjieg indipendenti moħbi qabel l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet li għad fadal fuq il-kabotaġġ.*** |

Or. en

**Emenda 299**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- sa tmiem l-2013, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi suġġerimenti għat-tneħħija tar-restrizzjonijiet ta' kabotaġġ attwali fuq it-trasport ta' passiġġieri u merkanzija;*** |

Or. nl

**Emenda 300**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- tiġi stabbilita metodoloġija standard tal-UE biex biha jiġi kkalkulat l-impront tal-karbonju, kif ukoll operazzjonijiet loġistiċi biex tiġi evitata l-proliferazzjoni tal-approċċi nazzjonali u appoġġ għall-inizjattivi tal-industrija biex jiġi promoss il-kalkolu tal-impront tal-karbonju speċjalment għat-trasport tal-merkanzija bit-triq;*** |

Or. en

**Emenda 301**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4 a (new)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- pjan direzzjonali għat-tkomplija tas-suq intern fil-qasam tat-trasport, jiġifieri fir-rigward tal-kabotaġġ;*** |

Or. en

**Emenda 302**
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- it-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-kabotaġġ, peress li dawn iwasslu għal distorsjoni fis-suq intern;*** |

Or. en

**Emenda 303**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- regolazzjoni speċifika għall-vetturi ta' rikreazzjoni, filwaqt li jiġi kkunsidrat li dan il-grupp qed jiżdied;*** |

Or. es

**Emenda 304**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- fl-ambitu tal-proposta futura dwar il-liberalizzazzjoni tal-kabotaġġ tat-toroq, jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-ispeċifiċità tas-settur tat-toroq bħala attività mobbli li għandha tkun tista' titwettaq mingħajr tagħwiġ tal-*** |

***kompetizzjoni fl-Istati Membri differenti tal-Unjoni Ewropea;***

Or. fr

**Emenda 305**
**Bendt Bendtsen, Anne E. Jensen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- soluzzjoni għall-fatt li ferroviji tat-triq modulari ma jistgħux jaqsmu l-fruntieri ta' pajjiż, u li dan huwa ta' ħsara għaż-żieda fl-użu ta' dan il-metodu ta' trasport bit-triq;*** |

Or. en

**Emenda 306**
**Sabine Wils**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- sal-2013 jiġi ppreżentat "Master Plan għall-persuni fit-toroq u ċ-ċiklisti" filwaqt li mill-2014 mill-inqas 15 % tal-kofinanzjament tal-UE fil-qasam tat-trasport għandu jiġi investit fil-mezzi tat-trasport mhux motirizzati.*** |

Or. de

**Emenda 307**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 – inċiż 4 ter (new)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- sa tmiem l-2013, il-Kummissjoni tipproponi suġġerimenti biex jinħareġ il-permess li vetturi tqal u twal (LHVs) jitħallew jintużaw fit-toroq Ewropej;*** |

Or. nl

**Emenda 308**
**Nuno Teixeira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jkun* hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu, | – *ikun* hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu, ***u l-importanza tiegħu għall-ekonomija marittima, b'mod partikolari fl-iżvilupp tal-potenzjal ta' awtostradi tal-baħar u fil-ħolqien ta' "hubs" strateġiċi, li huma fundamentali għall-kummerċ intra-Ewropew u inter-Ewropew;*** |

Or. pt

**Emenda 309**
**Giommaria Uggias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jkun* hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu; | – *ikun* hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu***, li jipprevedi regoli speċifiċi u effikaċi dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża***; |

Or. it

**Emenda 310**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jkun* hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu, | – *ikun* hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu ***sal-2013**, **biex jiġu ffaċilitati l-formalitajiet għall-vapuri li joperaw bejn portijiet tal-UE u jinkiseb suq uniku reali għat-trasport marittimu intra-UE;*** |

Or. en

**Emenda 311**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jkun* hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu, | – *ikun* hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu, ***li jiżgura li l-ikkomplementar bl-"ilmijiet navigabbli blu" jseħħ biss f'konformità mal-leġiżlazzjoni diġà eżistenti dwar il-ħarsien tal-ambjent u tan-natura,*** |

Or. de

**Emenda 312**
**Dominique Vlasto, Michel Dantin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *jkun* hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu, | – ikun hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu, ***abbażi ta' valutazzjoni kompluta tal-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri,*** |

Or. fr

**Emenda 313**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jkun hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu***;*** | – ikun hemm proposta dwar l-hekk magħruf Ċinturin Blu ***u l-ħolqien sussegwenti ta' sistema soda ta' servizzi marittimi flimkien ma' impetu determinat għall-awtostradi tal-baħar, ħaġa li tenfasizza l-importanza tad-dgħajjes bħala infrastrutturi mobbli reali;*** |

Or. es

**Emenda 314**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- tiġi introdotta politika Ewropea għal navigazzjoni bil-baħar fuq distanzi qosra u medji sabiex tintuża l-kapaċità żejda tal-ilmijiet interni navigabbli u sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-settur tat-trasport,*** |

Or. en

**Emenda 315**
**Anne E. Jensen, Vilja Savisaar-Toomast**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- ikun hemm inizjattivi li jiżguraw li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-kubrit mill-vapuri ma jirriżultax f'bidla modali lura;*** |

Or. en

**Emenda 316**
**Saïd El Khadraoui**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES u wara t-tmiem tiegħu fl-2013, jittieħed rendikont dwar is-suċċess milħuq u, skont il-każ, jiġi kkunsidrat jekk għandux jinżamm***, | ***– ikun hemm proposta mill-Kummissjoni dwar programm ta' azzjoni ġdid dwar it-trasport fl-ilmijiet interni navigabbli sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-programm NAIADES attwali mis-sena 2014 'il quddiem,*** |

Or. en

**Emenda 317**
**Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ikompli jiġi appoġġat il-programm | – ikompli jiġi appoġġat il-programm |

| | |
|---|---|
| NAIADES ***u*** wara t-tmiem tiegħu ***fl-2013***, ***jittieħed rendikont dwar is-suċċess milħuq u, skont il-każ, jiġi kkunsidrat jekk għandux jinżamm***, | NAIADES, ***bi programm ta' segwitu li għandu jitwettaq sal-2013***, wara t-tmiem tiegħu, ***liema programm ikun fih l-istrumenti adegwati għal implimentazzjoni ta' suċċess***, |

Or. en

**Emenda 318**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES u wara t-tmiem tiegħu fl-2013, jittieħed rendikont dwar is-suċċess milħuq u, skont il-każ, jiġi kkunsidrat jekk għandux jinżamm; | – ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES; |

Or. nl

**Emenda 319**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES ***u*** wara t-tmiem tiegħu ***fl-2013***, ***jittieħed rendikont dwar is-suċċess milħuq*** u, skont il-każ, jiġi kkunsidrat jekk għandux jinżamm; | – ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES, ***bi programm ta' segwitu li għandu jitwettaq sal-2013***, wara t-tmiem tiegħu, ***liema programm ikun fih l-istrumenti adegwati għal implimentazzjoni ta' suċċess.*** |

Or. en

**Emenda 320**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES u wara t-tmiem tiegħu fl-2013, jittieħed rendikont dwar is-suċċess milħuq u, skont il-każ, jiġi kkunsidrat jekk għandux jinżamm, | – ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES***, f'konformità mal-leġiżlazzjoni diġà eżistenti dwar il-ħarsien tal-ambjent u tan-natura,*** u wara t-tmiem tiegħu fl-2013, jittieħed rendikont dwar is-suċċess milħuq u, skont il-każ, jiġi kkunsidrat jekk għandux jinżamm, |

Or. de

**Emenda 321**
**Silvia-Adriana Ţicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES u wara t-tmiem tiegħu fl-2013, jittieħed rendikont dwar is-suċċess milħuq u***, skont il-każ, jiġi kkunsidrat jekk għandux jinżamm***; | – ikompli jiġi appoġġat il-programm NAIADES u wara t-tmiem tiegħu fl-2013, jittieħed rendikont dwar is-suċċess milħuq u ***t-tkomplija ta' dan il-programm għall-perjodu 2014-2020***; |

Or. ro

**Emenda 322**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- tiġi kkunsidrata l-importanza tas-settur tat-tbaħħir bħala wieħed strateġiku u*** |

| | |
|---|---|
| | ***jinħoloq programm, f'konformità mal-proposti msemmija, biex jippromwovi l-proġetti, u jipprovdilhom għajnuna finanzjarja, liema proġetti huma maħsubin biex inaqqsu l-emissjonijiet, iħarsu l-ambjent u jtejbu l-effiċjenza enerġetika*** |

Or. es

**Emenda 323**
**Nuno Teixeira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – issir proposta għaż-żieda ta' 20% tan-numru ta' konnessjonijiet multimodali (pjattaformi) għall-ilmijiet navigabbli interni, il-portijiet interni u l-binarji sal-2020, meta mqabbla mal-valuri tal-2010, u l-appoġġ finanzjarju rispettiv, | – issir proposta għaż-żieda ta' 20% tan-numru ta' konnessjonijiet multimodali (pjattaformi) għall-ilmijiet navigabbli interni, il-portijiet interni u l-binarji sal-2020, meta mqabbla mal-valuri tal-2010, u l-appoġġ finanzjarju rispettiv***, u għalhekk l-estensjoni wara l-2013 tal-programm Marco Polo, ladarba huwa tant importanti għat-trasport multimodali u għall-iżvilupp ta' karreġġati ta' navigazzjoni;*** |

Or. pt

**Emenda 324**
**Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – issir proposta ***għaż-żieda ta' 20% tan-numru ta' konnessjonijiet multimodali (pjattaformi) għall-ilmijiet*** navigabbli interni***,*** il-portijiet interni ***u l-binarji*** sal- | – issir proposta ***għal integrazzjoni aħjar tat-trasport permezz tal-ilmijiet*** navigabbli interni ***fit-trasport komodali u l-katina loġistika permezz ta' żieda ta' 10% fl-*** |

2020, ***meta mqabbla mal-valuri tal-2010,*** u ***l-appoġġ finanzjarju rispettiv***,

***appoġġ finanzjarju għal konnessjonijiet multimodali aħjar minn u lejn*** il-portijiet interni sal-2020, u ***għall-ħolqien ta' pjattaformi multimodali addizzjonali u portijiet interni, jekk ikun meħtieġ.***

Or. en

**Emenda 325**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – issir proposta għaż-żieda ta' 20% tan-numru ta' konnessjonijiet multimodali (pjattaformi) għall-ilmijiet navigabbli interni, il-portijiet interni u l-binarji sal-2020, meta mqabbla mal-valuri tal-2010, u l-appoġġ finanzjarju rispettiv, | – ***sabiex jiġi sfruttat b'mod effiċjenti l-potenzjal tan-navigazzjoni,*** issir proposta għaż-żieda ta' 20% tan-numru ta' konnessjonijiet multimodali (pjattaformi) għall-ilmijiet navigabbli interni, il-portijiet interni u l-binarji sal-2020, meta mqabbla mal-valuri tal-2010, ***it-tkabbir ta' kurituri multimodali*** u l-appoġġ finanzjarju rispettiv ***ta' dawn il-proġetti***, |

Or. de

**Emenda 326**
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – issir proposta ***għaż-żieda*** ta' 20% ***tan-numru ta' konnessjonijiet multimodali (pjattaformi) għall-ilmijiet*** navigabbli interni, il-portijiet interni ***u l-binarji*** sal-2020, ***meta mqabbla mal-valuri tal-2010,*** u ***l-appoġġ finanzjarju rispettiv***, | – issir proposta ***għal integrazzjoni aħjar tat-trasport permezz tal-ilmijiet*** navigabbli interni ***fit-trasport komodali u l-katina loġistika permezz ta' żieda ta'*** ta' 20% ***fl-appoġġ finanzjarju għal konnessjonijiet multimodali aħjar minn u lejn*** il-portijiet interni sal-2020, u ***għall-ħolqien ta' pjattaformi multimodali addizzjonali u*** |

***portijiet interni, jekk ikun meħtieġ.***

Or. en

**Emenda 327**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- jiġu kkunsidrati l-istrumenti li għandha l-EMSA biex tkun tista' tinstab soluzzjoni għall-problema tal-piraterija;*** |

Or. es

**Emenda 328**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli;*** | ***imħassar*** |

Or. es

**Emenda 329**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T*** jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet | ***– il-kofinanzjament tal-UE*** jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni |

| | |
|---|---|
| interni navigabbli; | navigabbli ***li għandhom stima tal-impatt ambjentali pożittiva, inkluża l-promozzjoni tal-vapuri adattati għax-xmajjar fin-navigazzjoni interna (RASSIN) li jikkontribwixxi għall-iffrankar finanzjarju fl-investimenti tal-infrastruttura tal-ilmijiet***; |

Or. en

**Emenda 330**
**Nuno Teixeira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli; | – għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli ***u għall-portijiet***; |

Or. pt

**Emenda 331**
**Mathieu Grosch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli, | – ***fil-qafas finanzjarju li jmiss għas-snin mill-2014 sal-2020,*** għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli, |

Or. de

**Emenda 332**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti ***rigward l-ilmijiet*** interni navigabbli; | – għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat ***għall-konnessjonijiet multimodali*** għall-proġetti ***tal-ilmijiet*** interni navigabbli***, tal-portijiet interni u tat-trasport ferrovjarju***; |

Or. en

**Emenda 333**
**Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – għall-anqas ***10%*** tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward ***l-ilmijiet*** interni ***navigabbli***; | – għall-anqas ***15***% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti ***li jtejbu l-konnessjonijiet sostenibbli u multimodali tal-portijiet, tal-portijiet*** interni ***u tal-pjattaformi multimodali, b'enfasi fuq il-proġetti tat-trasport akkwatiku***; |

Or. en

**Emenda 334**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli; | – għall-anqas 10% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli***, u anke għall-konnessjonijiet mal-portijiet xotti ("dry ports") u pjattaformi loġistiċi***; |

Or. es

**Emenda 335**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – għall-anqas ***10%*** tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli; | – għall-anqas ***25%*** tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli ***u l-konnessjonijiet multimodali u l-portijiet***; |

Or. en

**Emenda 336**
**Philippe De Backer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – għall-anqas ***10%*** tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward ***l-ilmijiet*** interni ***navigabbli;*** | – għall-anqas ***30***% tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti ***li jtejbu l-konnessjonijiet sostenibbli u multimodali tal-portijiet, tal-portijiet*** interni ***u tal-pjattaformi multimodali, b'enfasi fuq il-proġetti tat-trasport akkwatiku;*** |

Or. en

**Emenda 337**
**Dominique Vlasto, Michel Dantin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – għall-anqas ***10%*** tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli***,*** | – għall-anqas ***20%*** tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti ***biex jinħolqu, u jittejbu, konnessjonijiet sostenibbli u multimodali tal-portijiet marittimi u dawk bix-xmajjar, pjattaformi loġistiċi b'interfaċċja art-baħar-xmajjar, u proġetti*** rigward l-ilmijiet interni navigabbli ***u proġetti marittimi;*** |

Or. fr

**Emenda 338**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – għall-anqas ***10%*** tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli; | – għall-anqas ***20%*** tal-fondi TEN-T jiġi ddedikat għall-proġetti rigward l-ilmijiet interni navigabbli; |

Or. ro

**Emenda 339**
**Georgios Koumoutsakos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – minħabba l-karattru internazzjonali tat-traffiku marittimu, sal-2012 tinkiseb approssimazzjoni fit-taħriġ fin-navigazzjoni ma' standard internazzjonali u tiġi preżentata proposta għar-rikonoxximent reċiproku ta' kundizzjonijiet qafas għat-taħriġ ta' ħaddiema tal-port sa tmiem l-2013, | – minħabba l-karattru internazzjonali tat-traffiku marittimu, sal-2012 tinkiseb approssimazzjoni fit-taħriġ fin-navigazzjoni ma' standard internazzjonali u tiġi preżentata proposta għar-rikonoxximent reċiproku ta' kundizzjonijiet qafas għat-taħriġ ta' ħaddiema tal-port sa tmiem l-2013**.** |

***Kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida tal-UE f'dan il-qasam għandha tikkunsidra rekwiżiti eżistenti bħall-Konvenzjoni dwar l-Istandards tat-Taħriġ, iċ-Ċertifikazzjoni u s-Sorveljanza għall-Baħħara (STCW), u b'hekk tiġi evitata l-introduzzjoni ta' miżuri reġjonali addizzjonali.***

Or. en

**Emenda 340**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – minħabba l-karattru internazzjonali tat-traffiku marittimu, sal-2012 tinkiseb approssimazzjoni fit-taħriġ fin-navigazzjoni ma' standard internazzjonali u ***tiġi preżentata*** proposta għar-rikonoxximent reċiproku ta' kundizzjonijiet qafas għat-taħriġ ta' ħaddiema tal-port sa tmiem l-2013, | – minħabba l-karattru internazzjonali tat-traffiku marittimu, sal-2012 tinkiseb approssimazzjoni fit-taħriġ fin-navigazzjoni ma' standard internazzjonali u ***jiġu preżentati*** proposta għar-rikonoxximent reċiproku ta' kundizzjonijiet qafas għat-taħriġ ta' ħaddiema tal-port sa tmiem l-2013 ***kif ukoll strateġija għar-reklutaġġ ta' żgħażagħ lesti biex jitħarrġu fi professjonijiet marittimi***, |

Or. de

**Emenda 341**
**Dominique Vlasto, Michel Dantin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – minħabba l-karattru internazzjonali tat-traffiku marittimu, ***sal-2012 tinkiseb approssimazzjoni fit-taħriġ fin-navigazzjoni ma' standard internazzjonali*** | – minħabba l-karattru internazzjonali tat-traffiku marittimu, ***il-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2011, bl-għan li tiġi aġġornata d-Direttiva*** |

| | |
|---|---|
| u tiġi preżentata proposta għar-rikonoxximent reċiproku ta' kundizzjonijiet qafas għat-taħriġ ta' ħaddiema tal-port sa tmiem l-2013, | ***2008/106, billi tiġi integrata fiha r-reviżjoni tal-2006 tal-Konvenzjoni STCW, tiġi adottata mill-aktar fis,*** u tiġi preżentata proposta għar-rikonoxximent reċiproku ta' kundizzjonijiet qafas għat-taħriġ ta' ħaddiema tal-port sa tmiem l-2013, |

Or. fr

**Emenda 342**
**Antonio Cancian**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-estensjoni tal-prinċipju tal-ekobonusis għall-awtostradi tal-baħar, filwaqt li jiġu provduti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet miksuba permezz ta' trasport marittimu ta' vetturi tat-toroq;*** |

Or. it

**Emenda 343**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- fir-rigward tal-fondi TEN, tingħata attenzjoni għall-ħtieġa li jiżdiedu l-konnessjonijiet multimodali tal-portijiet marittimi bit-trasport ferrovjarju u bit-triq;*** |

Or. es

**Emenda 344**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- il-Kummissjoni tħejji u tipproponi suġġeriment għal politika integrata komuni dwar l-ilmijiet interni navigabbli tal-UE simili għall-politika marittima komuni tal-UE, biex tinkludi l-iżvilupp tas-servizzi ta' trasport intern u mezzi kif għandha tinstab il-konnessjoni ta' dawn ma' mezzi oħra tat-trasport, l-iżvilupp taż-żoni fil-madwar tal-ilmijiet interni navigabbli, il-protezzjoni tal-ambjent tal-ilma, eċċ.*** |

Or. ro

**Emenda 345**
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- it-twessigħ tal-prinċipju tal-ekobonusis għall-awtostradi tal-baħar, filwaqt li jiġu provduti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet miksuba permezz ta' trasport marittimu ta' vetturi tat-toroq;*** |

Or. it

**Emenda 346**
**Knut Fleckenstein, Olga Sehnalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 347**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 348**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port;*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 349**
**Saïd El Khadraoui**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 350**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola ***s-servizzi*** tal-port***;*** | – il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola ***t-trasparenza u l-finanzjament pubbliku tal-awtoritajiet*** tal-port***.*** |

Or. en

**Emenda 351**
**Jim Higgins**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni, sal-2014, ***tippreżenta proposta*** li ***tirregola s-servizzi*** tal-port; | – il-Kummissjoni, sal-2014 ***biex tikkjarifika l-intenzjonijiet tagħha dwar proposti possibbli*** li ***jirregolaw is-servizzi*** tal-port; |

Or. en

**Emenda 352**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni, sal-2014, ***tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port;*** | – il-Kummissjoni, sal-2014 ***biex tirrevedi l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika għall-Portijiet 2007, u biex tipproponi linji gwida ċari u miżuri mhux leġiżlattivi li jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jinstab bilanċ aħjar bejn il-kontinwità tal-investiment u l-ftuħ tas-suq;*** |

Or. en

**Emenda 353**
**David-Maria Sassoli, Guido Milana**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port***;*** | – il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port***, b'referenza speċifika għal servizzi tekniċi-nawtiċi, għad jeħtieġ regolazzjoni tal-aċċess tas-suq u tal-funzjonament tagħhom biex titħares is-sikurezza tan-navigazzjoni, is-sigurtà u l-ħarsien tal-ambjent.*** |

Or. en

**Emenda 354**
**Dominique Vlasto, Michel Dantin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port; | – il-Kummissjoni, sal-2014, tippreżenta proposta li tirregola s-servizzi tal-port**, *abbażi ta' valutazzjoni dettaljata tal-linji gwida ppubblikati f'Ottubru 2007 dwar il-politika Ewropea tal-portijiet, u tieħu inkunsiderazzjoni l-implimentazzjoni tal-liġijiet nazzjonali dwar dan is-suġġett, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-metodu ta' governanza u ta' funzjonament tal-portijiet*;** |

Or. fr

**Emenda 355**
**Giommaria Uggias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-introduzzjoni ta' regoli effikaċi dwar ir-rabtiet bejn il-gżejjer u l-bqija tal-kontinent, u linji gwida ċari dwar l-obbligi tat-trasport pubbliku f'dan il-qasam sabiex jingħelbu l-ostakli li jġib miegħu l-iżolament;*** |

Or. it

**Emenda 356**
**Guido Milana**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-introduzzjoni ta' politika Ewropea reali għan-navigazzjoni fuq distanzi qosra jew medji, sabiex tiġi permessa bidla modali*** |

***massiva mit-trasport bit-triq għal dak bil-baħar u għalhekk jinkisbu l-objettivi tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra fis-settur tat-trasport;***

***- skema Ewropea li għandha tiġi eżaminata u ttestjata fuq bażi tal-għoti tal-appoġġ għall-bastimenti kollha li jaħdmu bil-bijofjuwil;***

Or. it

**Emenda 357**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- fl-istabbiliment tal-miri ta' tnaqqis għall-emissjonijiet mill-bastimenti jiġi evitat it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fl-UE;*** |

Or. de

**Emenda 358**
**Carlo Fidanza, Antonio Cancian**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 – inċiż 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- fil-qafas tal-liberalizzazzjoni tas-servizzi tal-port, għandhom jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċjali tas-servizzi marittimi tekniċi, li għandhom impatt dirett fuq is-sikurezza tat-trasport bil-baħar u l-protezzjoni ambjentali; huwa ttamat li qabel tittieħed kwalunkwe inizjattiva futura mill-Kummissjoni, issir konsultazzjoni bir-reqqa dwarha mal-partijiet involuti u tiġi diskussa bl-*** |

***involviment sħiħ tal-istituzzjonijiet kollha rilevanti;***

Or. it

**Emenda 359**
**Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2015 ikun hemm proposta ***għall-ħolqien*** ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispajzju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku, | – sal-2015 ikun hemm proposta ***biex jitkompla x-xogħol fuq il-ħolqien*** ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispazju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku, |

Or. fr

**Emenda 360**
**Mathieu Grosch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***sal-2015*** ikun hemm proposta għall-ħolqien ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispajzju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku, | – ***sal-2013*** ikun hemm proposta għall-ħolqien ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispazju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku, |

Or. de

**Emenda 361**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2015 ikun hemm proposta għall-ħolqien ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispajzju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku, | – sal-2015 ikun hemm proposta għall-ħolqien ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispazju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku, ***u*** <br> ***– sal-2016 ikun hemm l-Ajru Ewropew Uniku II attwali implimentat bis-sħiħ;*** |

Or. en

**Emenda 362**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2015 ikun hemm proposta għall-ħolqien ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispajzju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku, | – sal-2015 ikun hemm proposta għall-ħolqien ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispazju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku; ***jenfasizza li l-użu tas-SESAR permezz tal-finanzjament u l-governanza huwa meħtieġ biex jinħoloq Ajru Ewropew Uniku II*** |

Or. en

**Emenda 363**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***sal-2015*** ikun hemm proposta ***għall-ħolqien*** ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku ***permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali tal-ispajzju tal-ajru***, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru  Ewropew uniku, | – ikun hemm proposta ***għall-iffinalizzar*** ta' spazju tal-ajru Ewropew uniku, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ajru Ewropew uniku, |

Or. ro

**Emenda 364**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2015 ***ikun hemm proposta għall-ħolqien ta'*** spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispajzju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' *ajru  Ewropew* uniku; | – sal-2015 ***jiġu żviluppati l-inizjattivi fis-seħħ maħsuba biex jinħoloq darba għal dejjem*** spazju tal-ajru Ewropew uniku permezz ta' tnaqqis tal-blokok funzjonali *tal-ispazju* tal-ajru, fejn fl-istess waqt l-Istati Membri jintalbu jippromwovu l-implimentazzjoni ta' *ajru Ewropew* uniku; |

Or. es

**Emenda 365**
**Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***tingħata prijorità lill-kwalità*** tas-servizzi ***u l-koordinazzjoni ma' standards internazzjonali*** f'dak li jirrigwarda l-ftuħ tas-swieq, | – ***tiġi kkunsidrata iktar il-kwalità*** tas-servizzi f'dak li jirrigwarda l-ftuħ tas-swieq, |

Or. fr

**Emenda 366**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- biex jiġi konkluż ftehim ta' rikonoxximent reċiproku dwar id-dwana u programmi tas-sigurtà bejn l-UE u pajjiżi terzi, bi prijorità għall-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti;*** |

Or. en

**Emenda 367**
**Laurence J.A.J. Stassen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– l-Istati Membri jimplimentaw in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni sal-2012, anki b'referenza ma' ftehimiet internazzjonali;*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 368**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri ***jimplimentaw*** in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni sal-2012***, anki b'referenza ma' ftehimiet*** | ***– il-Kummissjoni Ewropea u*** l-Istati Membri ***biex ikollhom*** in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni |

| | |
|---|---|
| ***internazzjonali***; | ***aċċettat internazzjonalment*** sal-2012; |

Or. en

**Emenda 369**
**Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri jimplimentaw in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni sal-2012, ***anki b'referenza ma' ftehimiet internazzjonali***; | – ***il-Kummissjoni u*** l-Istati Membri jimplimentaw in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni sal-2012, ***bi qbil min-naħa tal-Komunità Ajrunawtika Internazzjonali***; |

Or. fr

**Emenda 370**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri ***jimplimentaw*** in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni sal-2012, anki b'referenza ma' ftehimiet internazzjonali; | – ***il-Kummissjoni Ewropea u*** l-Istati Membri ***biex ikollhom*** in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni ***aċċettat internazzjonalment*** sal-2012, anki b'referenza ma' ftehimiet internazzjonali ***u jiġi żgurat li d-dħul jiġi allokat għall-proġetti ta' riċerka biex titnaqqas il-marka tal-karbonju fl-avjazzjoni***;<br>***- li l-merkanzija bl-ajru m'għandhiex tiġi riservata għal operazzjonijiet ta' distanza twila u interkontinentali biss; il-merkanzija bl-ajru hija essenzjali għall-katina loġistika u speċifika għas-settur tal-kunsinna mgħaġġla, li teħtieġ l-użu ta' trasport bl-ajru għall-kunsinna fil-jum ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***wara fl-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 371**
**Corien Wortmann-Kool**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri jimplimentaw in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni sal-2012, anki b'referenza ma' ftehimiet internazzjonali; | – l-Istati Membri jimplimentaw in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni sal-2012, anki b'referenza ma' ftehimiet internazzjonali; ***u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura kondizzjonijiet indaqs ta' kompetizzjoni fil-livell internazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 372**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri jimplimentaw in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni ***sal-2012***, ***anki b'referenza ma' ftehimiet internazzjonali***; | – ***il-Kummissjoni u*** l-Istati Membri jimplimentaw ***kollox biex*** in-negozju Ewropew b'ċertifikati tal-emissjoni ***jiġi aċċettat fil-livell internazzjonali sal-2012***; |

Or. fr

**Emenda 373**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- il-Kummissjoni biex issaħħaħ il-koordinazzjoni bejn ir-Regolamenti ta' Ajru Uniku u s-SESAR u l-proġetti Galileo kif ukoll l-inizjattivi Clean Sky, sabiex ikun hemm iktar effiċjenza enerġetika u miżuri għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra;*** |

Or. en

**Emenda 374**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- ikun hemm ħidma b'mod attiv sabiex jiġi żviluppat "Punt ta' Kontroll tal-Futur" li mhux biss jimmira lejn it-titjib tat-teknoloġija iżda wkoll lejn approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar tal-maġġoranza tal-passiġġieri;*** |

Or. en

**Emenda 375**
**Christine De Veyrac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- il-fondi tat-TEN-T allokati għall-finanzjament tas-SESAR jiżdiedu b'mod sostanzjali biex il-programm ikun jista' jintuża fil-ħin;*** |

Or. fr

**Emenda 376**
**Giommaria Uggias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-introduzzjoni ta' regoli effikaċi dwar ir-rabtiet bejn il-gżejjer u l-bqija tal-kontinent, u linji gwida ċari dwar l-obbligi tat-traspot pubbliku f'din iż-żona sabiex jingħelbu l-ostakli li jġib miegħu l-iżolament;*** |

Or. it

**Emenda 377**
**Ramon Tremosa i Balcells, Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– mill-anqas 20% tal-fondi TEN-T għall-użu tas-SESAR*** <br> ***– ikun hemm ħidma b'mod attiv fuq sabiex jiġi żviluppat "Punt ta' Kontroll tal-Futur" li mhux biss jimmira lejn it-titjib tat-teknoloġija iżda wkoll lejn approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar tal-maġġoranza tal-passiġġieri.*** |

Or. en

**Emenda 378**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-Istati Membri u l-partijiet involuti jaħdmu b'mod attiv biex tiġi żviluppata sistema ta' sikurezza fl-ajru li tinkorpora t-titjib fit-teknoloġija u tħaffef il-kontrolli tas-sigurtà għall-passiġġieri;*** |

Or. es

**Emenda 379**
**Carlo Fidanza**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- qafas regolatorju li jippermetti prevedibilità tan-negozju u kompetittività dejjem akbar tas-settur, notevolment permezz ta' kapaċità adegwata tal-ajruport;*** |

Or. en

**Emenda 380**
**Luis de Grandes Pascual**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 – inċiż 3 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- is-sikurezza fl-ajru tkun ibbażata fuq analiżi tar-riskju preċedenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-merkanzija u l-posta u għandha tkun proporzjonali għar-riskji li jġib miegħu t-trasport ta' dawn;*** |

Or. es

**Emenda 381**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' vetturi mħaddma bl-elettriku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport u jistieden lill-Istati Membri u lill-industriji Ewropej rilevanti biex jikkontribwixxu kemm għall-promozzjoni tal-vetturi mħaddma bl-elettriku kif ukoll għall-iżvilupp ta' infrastruttura neċessarja għall-użu tagħhom; jenfasizza l-potenzjal tal-iżvilupp ta' din l-infrastruttura għall-ħolqien ta' impjiegi fil-livell reġjonali u lokali;*** |

Or. ro

**Emenda 382**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni, permezz tal-ftuħ tas-swieq, *tikkusidra* l-obbligi tal-Istati Membri fit-trasport pubbliku lokali u l-offerta attwali tas-servizzi, bl-għan li ttejjeb il-livelli attwali tas-servizzi, | (*Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.*) |

Or. en

**Emenda 383**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni, permezz tal-ftuħ tas-swieq, *tikkusidra* l-obbligi tal-Istati Membri fit-trasport pubbliku lokali u l-offerta attwali tas-servizzi, bl-għan li ttejjeb il-livelli attwali tas-servizzi, | – il-Kummissjoni, permezz tal-ftuħ tas-swieq, *tikkunsidra* l-obbligi tal-Istati Membri fit-trasport pubbliku lokali u l-offerta attwali tas-servizzi, bl-għan li ttejjeb il-livelli attwali tas-servizzi, ***filwaqt li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fuq il-bażi ta' sett ta' regoli soċjali minimi;*** |

Or. fr

**Emenda 384**
**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – il-Kummissjoni, permezz tal-ftuħ tas-swieq, *tikkusidra* l-obbligi tal-Istati Membri fit-trasport pubbliku lokali u l-offerta attwali tas-servizzi, bl-għan li ttejjeb il-livelli attwali tas-servizzi; | – il-Kummissjoni, permezz tal-ftuħ tas-swieq, *tikkunsidra* l-obbligi tal-Istati Membri fit-trasport pubbliku lokali u l-offerta attwali tas-servizzi, bl-għan li ttejjeb il-livelli attwali tas-servizzi ***b'rabta man-nollijiet u l-aċċessibilità***; |

Or. it

**Emenda 385**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- fid-dawl ta' titjib rigward is-sikurezza tat-trasport fuq il-binarji fl-Ewropa u tal-ħolqien ta' suq intern komuni, jiġu promossi aktar l-armonizzazzjoni teknika*** |

***u l-interoperabilità bejn id-diversi Stati Membri, b'mod partikolari fejn tidħol is-sistema tas-sikurezza Ewropea ETCS, u li l-Awtorità Ferrovjarja Ewropea tingħata l-kompetenzi u r-riżorsi meħtieġa biex dan isir;***

Or. de

**Emenda 386**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- minħabba l-abbundanza tat-trasport bit-tram u dak suburban, tiġi stabbilita regolamentazzjoni armonizzata fil-livell Ewropew;*** |

Or. es

**Emenda 387**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- proposta tal-Kummissjoni għall-ftuħ tas-suq tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferroviji inklużi l-emendi għar-Regolament Nru 1370/2007;*** |

Or. en

**Emenda 388**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- tiġi żgurata indipendenza reali tal-funzjonijiet essenzjali tal-aċċess u tal-ipprezzar tal-aċċess għan-netwerks meta mqabbla mal-impriżi ferrovjarji,*** |

Or. fr

**Emenda 389**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***sal-2015 jiġu armonizzati r-regoli għar-reġistrazzjoni tal-vetturi, sabiex iċ-ċertifikazzjoni tal-materjali fuq ir-roti ma tkunx itwal minn xahrejn, u b'hekk sal-2012 jiġu aġġustati rispettivament il-kompetenzi*** tal-aġenzija Ewropea tal-ferroviji ***u l-fondi tagħha,*** | – ***titjib fil-prestazzjoni*** tal-aġenzija Ewropea tal-ferroviji ***qabel ma jiġu kkunsidrati kwalunkwe kompetenza addizzjonali jew fondi.*** |

Or. en

**Emenda 390**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2015 jiġu armonizzati r-regoli ***għar-reġistrazzjoni tal-vetturi***, sabiex ***iċ-ċertifikazzjoni tal-materjali fuq ir-roti*** ma tkunx itwal minn ***xahrejn***, u b'hekk sal-2012 jiġu aġġustati rispettivament il-kompetenzi tal-aġenzija Ewropea tal- | – sal-2015 jiġu armonizzati r-regoli ***dwar l-awtorizzazzjoni tal-vetturi***, sabiex ***l-awtorizzazzjoni tal-vetturi*** ma tkunx itwal minn ***sitt xhur***, u b'hekk sal-2012 jiġu aġġustati rispettivament il-kompetenzi tal-aġenzija Ewropea tal-ferroviji u l-fondi |

| | |
|---|---|
| ferroviji u l-fondi tagħha, | tagħha, |

Or. en

**Emenda 391**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2015 jiġu armonizzati r-regoli għar-reġistrazzjoni tal-vetturi, sabiex ***iċ-ċertifikazzjoni*** tal-materjali fuq ir-roti ma ***tkunx*** itwal minn xahrejn, u b'hekk sal-2012 jiġu aġġustati rispettivament il-kompetenzi tal-aġenzija Ewropea tal-ferroviji u l-fondi tagħha; | – sal-2015 jiġu armonizzati r-regoli għar-reġistrazzjoni tal-vetturi, sabiex ***il-proċess tar-reġistrazzjoni*** tal-materjali fuq ir-roti ma ***jkunx*** itwal minn xahrejn, u b'hekk sal-2012 jiġu aġġustati rispettivament il-kompetenzi tal-aġenzija Ewropea tal-ferroviji u l-fondi tagħha; |

Or. de

**Emenda 392**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – sal-2015 jiġu armonizzati r-regoli ***għar-reġistrazzjoni*** tal-vetturi, sabiex iċ-ċertifikazzjoni tal-materjali fuq ir-roti ma tkunx itwal minn xahrejn, u b'hekk sal-2012 jiġu aġġustati rispettivament il-kompetenzi tal-aġenzija Ewropea tal-ferroviji u l-fondi tagħha, | – sal-2015 jiġu armonizzati r-regoli ***dwar l-awtorizzazzjoni*** tal-vetturi, sabiex iċ-ċertifikazzjoni tal-materjali fuq ir-roti ma tkunx itwal minn xahrejn, u b'hekk sal-2012 jiġu aġġustati rispettivament il-kompetenzi tal-aġenzija Ewropea tal-ferroviji u l-fondi tagħha, |

Or. en

**Emenda 393**
**Philip Bradbourn**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li għall-ippjanar aktar effikaċi tat-trasport bil-ferrovija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu independenti u jissaħħu, ***u sabiex sal-2014, il-Kummissjoni tippreżenta proposta li tistabilixxi awtorità regolatorja Ewropea;*** | – li għall-ippjanar aktar effikaċi tat-trasport bil-ferrovija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu independenti u jissaħħu, |

Or. en

**Emenda 394**
**Georges Bach**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *li* għall-ippjanar aktar effikaċi tat-trasport bil-ferrovija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu independenti u jissaħħu, u *sabiex* sal-2014, il-Kummissjoni tippreżenta proposta li tistabilixxi awtorità regolatorja Ewropea; | – għall-ippjanar aktar effikaċi tat-trasport bil-ferrovija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu independenti u jissaħħu, ***li jikkoperaw aktar f'netwerk Ewropew sabiex ikun hemm koperazzjoni aħjar,*** u *li* sal-2014, ***fid-dawl tal-esperjenza li tirriżulta minn din il-koperazzjoni,*** il-Kummissjoni tippreżenta proposta li tistabilixxi awtorità regolatorja Ewropea ***f'każ li din taghti proa li tkun meħtieġa***; |

Or. de

**Emenda 395**
**Gesine Meissner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| – li għall-ippjanar aktar effikaċi tat-trasport bil-ferrovija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu independenti u jissaħħu, u sabiex sal-2014, il-Kummissjoni tippreżenta proposta li tistabilixxi awtorità regolatorja Ewropea; | – li għall-ippjanar aktar effikaċi tat-trasport bil-ferrovija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu independenti u jissaħħu, u sabiex sal-2014, il-Kummissjoni tippreżenta proposta li ***tappoġġja aktar dan l-għan u li*** tistabilixxi awtorità regolatorja Ewropea; |

Or. en

**Emenda 396**
**Michael Cramer, Isabelle Durant, Eva Lichtenberger, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***- tingħata spinta lill-infrastruttura ferrovjarja ippjanata tajjeb, it-tnaqqis tal-ħsejjes u l-pjan ta' azzjoni tal-ERTMS sal-2020 u li jmiss sal-2030, biex jittejjeb b'mod konsiderevoli l-kofinanzjament mill-UE;*** |

Or. en

**Emenda 397**
**Dominique Vlasto, Michel Dantin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***- japprova d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta, fl-2012, proposta regolatorja dwar il-ftuħ tas-suq domestiku tat-trasport tal-passiġġieri għall-kompetizzjoni u s-separazzjoni tal-maniġers tal-infrastrutturi u tal-operaturi ferrovjarji*** |

| | |
|---|---|
| | ***storiċi,*** |

Or. fr

**Emenda 398**
**Juozas Imbrasas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-istrutturi ta' governanza għas-settur ferrovjarju inkluživ jiżguraw livell għoli ta' effiċjenza fis-settur imsemmi, flimkien ma' opportunitajiet ta' kompetizzjoni fis-swieq tal-merkanzija internazzjonali, biex jitnaqqas il-finanzjament pubbliku għas-settur ferrovjarju u anke biex l-istat jirċievi dħul mis-settur ferrovjarju;*** |

Or. lt

**Emenda 399**
**Dieter-Lebrecht Koch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- tingħata aktar importanza lit-taħriġ u t-taħriġ avanzat u li tingata spinta lir-rikonoxximent transkonfinali taċ-ċertifikati u l-kwalifiki;*** |

Or. de

**Emenda 400**
**Giommaria Uggias**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- il-Kummissjoni biex tieħu passi sabiex tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw mal-miżuri li jeħtieġu tnaqqis fil-veloċità tal-ferroviji tal-merkanzija li jġorru materjal perikoluż meta jgħaddu minn żoni urbani, u biex jieħdu passi biex jistandardizzaw tali miżuri, inkluża t-traċċabilità tal-ferroviji li jġorru merkanzija perikoluża;*** |

Or. it

**Emenda 401**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-għeluq ta' wieħed miż-żewġ postijiet minn fejn topera l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea;*** |

Or. nl

**Emenda 402**
**Rolandas Paksas**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-istrutturi ta' governanza għas-settur ferrovjarju inklużiv jiżguraw livell għoli ta' effiċjenza fis-settur imsemmi, flimkien ma' opportunitajiet ta' kompetizzjoni fis-swieq tal-merkanzija internazzjonali, biex*** |

| | |
|---|---|
| | ***jitnaqqas il-finanzjament pubbliku għas-settur ferrovjarju u anke biex l-istat jirċievi dħul mis-settur ferrovjarju;*** |

Or. lt

**Emenda 403**
**Izaskun Bilbao Barandica**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- jiġu ssodisfati l-iskadenzi diġà stabbiliti u jingħataw spinta l-proġetti ta' prijorità tan-netwerks tat-trasport trans-Ewropej*** |

Or. es

**Emenda 404**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- il-Kummissjoni biex tressaq proposta ġdida għas-separazzjoni strutturali bejn il-fornituri tas-servizz u l-maniġer tal-infrastruttura sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal spazju ferrovjarju uniku Ewropew fil-futur li jkun effiċjenti, trasparenti u attraenti.*** |

Or. en

**Emenda 405**
**Carlo Fidanza, Antonio Cancian**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- il-ftuħ tal-kompetizzjoni għas-servizzi ferrovjarji kollha, inkluż il-forniment domestiku ta' servizzi tal-passiġġieri, flimkien mal-armonizzazzjoni tal-oqfsa regolatorji nazzjonali dwar l-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja;*** |

Or. en

**Emenda 406**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- l-Istati Membri jiggarantixxu standards għolja għat-taħriġ u l-għoti ta' liċenzji lis-sewwieqa;*** |

Or. de

**Emenda 407**
**Michael Cramer, Eva Lichtenberger, Isabelle Durant, Keith Taylor**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – inċiż 3 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- biex jiġi allokat għall-inqas 40% tal-kofinanzjament kollu tal-UE fit-trasport għall-proġetti ferrovjarji*** |

Or. en

**Emenda 408**
**Ismail Ertug**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 – subparagrafu 2 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- sal-2014 il-Kummissjoni tippreżenta proposta dwar il-mod kif jista' jiġi rregolat l-ipprezzar tar-rotot b'kunsiderazzjoni tal-ħsejjes, immirata lejn l-internalizzazzjoni uniformi tal-ispejjeż ikkawżati mill-istorbju ferrovjarju kif ukoll lejn ir-retroffittjar ta' vaguni tal-merkanzija fl-Istati Membri Ewropej b'tali mod li jitnaqqsu l-ħsejjes, u li toħloq inċentivi biex waqt il-kostruzzjoni u l-modifika ta' infrastruttura jintuża materjal li jnaqqas il-ħsejjes kemm jista' jkun.*** |

Or. de

**Emenda 409**
**Peter van Dalen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Iqis li inizjattivi leġiżlattivi Ewropej ġodda fil-qasam tat-trasport mhumiex neċessarji, iżda jenfasizza l-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod korrett, u infurzata, il-leġiżlazzjoni Ewropea fis-setturi tat-trasport kollha u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tippubblika sommarju tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport Ewropew fl-Istati Membri individwali sa Ġunju 2012;*** |

Or. nl

**Emenda 410**
**Michel Dantin, Dominique Vlasto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jenfasizza, fir-rigward tal-ħtiġijiet ekonomiċi u ambjentali, l-importanza ta' mmaniġġjar realment Ewropew tal-infrastrutturi tat-trasport (il-kurituri ferrovjarji tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri, l-Ajru Uniku Ewropew, il-portijiet u l-konnessjonijiet ta' dawn man-netwerk tat-trasport, iċ-"Ċinturin Blu", l-ilmijiet interni) sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u l-attrattività tal-Unjoni Ewropea u jiġi żgurat il-moviment liberu u bi fluss kontinwu tal-passiġġieri u tal-merkanzija;*** |

Or. fr

**Emenda 411**
**Krišjānis Kariņš**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jenfasizza li jekk bidla modali mit-triq għall-baħar hija l-prijorità ewlenija tal-UE, l-Unjoni Ewropea għandha tirrinunzja deċiżjonijiet li jżidu drammatikament l-ispejjeż tan-navigazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 412**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jitlob biex il-Kummissjoni kull sena tanalizza l-għanijiet tal-*'White Paper'*, il-progress li sar u r-riżultati u tippreżenta rapport lill-Parlament ***dwar dan***; | 19. Jitlob biex il-Kummissjoni kull sena tanalizza l-għanijiet tal-*'White Paper'*, il-progress li sar u r-riżultati u tippreżenta rapport lill-Parlament***, darba kull 5 snin, dwar l-implimentazzjoni tal-White Paper***; |

Or. ro

**Emenda 413**
**Inés Ayala Sender**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex, fl-istudji tal-impatt tal-proposti leġiżlattivi, tidentifika, tikkwantifika u tevalwa l-ħolqien tal-"impjieg ekoloġiku" kif ukoll tal-miżuri li jippromwovuh.*** |

Or. es